**Uffiċċju Katekistiku – Djoċesi t'Għawdex**

# Sussidju
# fis-sena tal-Ġublew tal-Ħniena

## I

## *Żmien l-Avvent u l-Milied*

Ġublew Straordinarju tal-Ħniena

mgħix mill-Knisja f'Għawdex
AD 2015-2016

# WERREJ

Introduzzjoni: San Luqa, l-Evanġelista tal-Ħniena t'Alla 2

Il-konverżjoni fil-Bibbja 5

Novena tal-Milied marbuta mat-tema tal-Ħniena

- Lista tat-temi u tal-ġesti 12
- L-Inkarnazzjoni 13
- L-anġli tal-Mulej 15
- Ġużeppi l-Ġust 17
- Marija u l-Viżitazzjoni 20
- Żakkarija u twelid il-Battista 22
- It-tarbija fil-maxtura 24
- It-tħabbira tar-ragħajja 27
- Il-kewkba u l-Maġi 28
- Erodi u l-Innoċenti Martri 29

In-Novena marbuta mat-tema tal-istennija 31

- Appendiċi 34

In-Novena mal-karattri leġġendarji 36

- Appendiċi 40

Adorazzjoni fuq it-tema tal-Ħniena mill-parroċċa tax-Xagħra 54

Appendiċi oħra (rigward l-ewwel żewġ noveni u ktejjeb ġdid) 61

# SAN LUQA: L-EVANĠELISTA TAL-ĦNIENA T'ALLA

*Fr Charles Buttigieg*

## L-Evanġelista San Luqa

San Luqa kien pagan ikkonvertit, magħruf ukoll bħala t-tabib tal-ġisem u tar-ruħ. Kien minn Antijokja tas-Sirja u kiteb il-vanġelu tiegħu bi Grieg ta' livell għoli ħafna. Skont il-Leġġenda tad-Deheb huwa kien wieħed mit-72 dixxiplu ta' Kristu. Huwa kiteb lill-Insara li kienu jgħixu fl-Asja ż-Żgħira li kienet mimlija b'Insara ta' nisel pagan u ta' kultura Griega u fil-kuntest tal-persekuzzjonijiet. Il-Vangelu nkiteb bejn is-snin 70 u 75 W.K. u fl-istess żmien ukoll Luqa kkompona t-tieni opra tiegħu, dik tal-Atti tal-Appostli. Interessanti li dawn iż-żewg opri ta' Luqa għandhom kwazi l-istess tul fejn fl-Evanġelju hemm 95,972 ittra u fl-Atti hemm 95,838 ittra. Huwa ħa l-martirju fi żmien it-tieni Papa, San Linu, jigifieri bejn is-sena 67 u 76 W.K. ġewwa l-Boeotia, fl-età ta' 84 sena. Il-fdalijiet tiegħu jinsabu ġewwa Kostantinopli, fil-Knisja tal-Appostli, sa mis-sena 356 A.D. Skont it-tradizzjoni, San Luqa kien ukoll pittur u pitter l-imaġni tal-Madonna 'Salus Populi Romani' fil-Bazilika ta' Santa Marija Maggiore mibnija mill-Papa Liberju u dik fis-Santwarju Nazzjonali tal-Mellieħa.

Hemm l-ipoteżi ta' edizzjoni riveduta ta' Marku (*deuteron-Markus*) bħala bażi għal Luqa, sostnuta mill-Awstrijak Albert Fuchs. Hemm ukoll l-ipoteżi ta' Farrer li ħarġet fl-1955 u li ssostni li Luqa kellu quddiemu lil Mark u lil Mattew. Minn 1160, Luqa għandu madwar 520 vers li nsibuħom fil-Vanġelu tiegħu biss. 230 vers insibuhom f'Mattew u 50 vers f'Mark. 360 vers insibuħom fil-Vanġeli l-oħra.

## It-Teoloġija Biblika Luqana

Is-simbolu tal-Vanġelu huwa l-għoġol għaliex San Luqa jibda l-Vanġelu tiegħu bis-sagrifiċċju ta' Zakkarija fit-tempju, u l-Vanġelu tiegħu jitkellem ukoll dwar is-sagrifiċċju u dwar is-saċerdozju ta' Kristu.

Ġesù ta' Luqa jistieden lill-midinbin sabiex jersqu lejh u jaħfrilhom. Huwa infatti l-Vangelu tal-maħfra. Lili Luqa, Dante Alighieri jsejjaħlu l-Evangelista tal-ħniena ta' Kristu, '*scriba mansuetudinis Christi'*. Fih biss tinsab il-parabbola tal-Iben il-Ħali, jew tal-Missier Ħanin, u tad-drakma l-mitlufa. Insibu ħafna titli ta' Ġesù f'dan il-Vangelu: il-Messija, il-

Feddej, l-Iben ta' Alla, Bin il-Bniedem, Profeta, Sultan, Bin David, il-Qaddis, u l-Imgħallem. Ġesù f'Luqa huwa, fuq kollox, il-'Kyrios', il-Mulej, is-Salvatur tal-bnedmin kollha.

Fil-Vangelu tiegħu naraw l-element tas-salvazzjoni miftuħa għal kulħadd: "Kull bniedem jara s-salvazzjoni ta' Alla" (Lq 2:6). Din is-salvazzjoni li ġabilna Ġesù l-Feddej hija għalhekk waħda universali, hekk iridu juri l-parabboli tal-ħniena u l-episodju ta' Zakkew il-pubblikan f'kapitlu 15. Dan huwa fil-linja tal-istqarrijiet tal-fidi li nsibu fil-Ġdid Testment: "Kristu miet għalina, għal kulħadd, għal dnubietna" (ara 1 Kor 15:3 u Gal 1:4). Fl-episodju tas-Samaritan it-tajjeb naraw fil-lukanda (bil-Grieg: *pandocheion*, post li jilqa' lil kulħadd) il-figura tal-Knisja li tilqa' lil kulħadd (ara 10:30-36 u 2 Kronaki 28:15 u 2 Re 16). Huwa wkoll il-Vangelu tal-Ispirtu s-Santu, tal-foqra, tal-paċi u, fuq kollox, tat-talb u tal-ferħ Nisrani. Fil-Evangelju naraw, fuq kollox, il-missjoni ta' Ġesù u l-vjagg tiegħu lejn Ġerusalemm (mill-kapitlu 9). Naraw ukoll il-missjoni tad-dixxipli, bil-verb Grieg '*ekballein*' li litteralment ifisser 'mixħuta barra fil-missjoni, qalb it-tentazzjonijiet u persekuzzjonijiet' (9:51-52). F'San Luqa dawn id-dixxipli huma tnejn u sebgħin u għalhekk jirrappreżentaw in-nazzjonijiet kollha. L-istruttura tal-Vanġelu timplika l-importanza ta' dan il-vjaġġ salvifiku ta' Ġesù li jimplika l-Gallilea u l-Ġudea b'Ġerusalemm tkun iċ-ċentru bħala l-belt il-qaddisa. Dan il-vjaġġ ċikliku ta' Ġesù jkompli jidwi fil-parabbola tal-Iben il-Ħali (15;11-32) li jitlaq mid-dar ta' missieru għal art pagana u wara jerga' lura d-dar. Narawh ukoll fl-episodju ta' Emmaus (24,13-35).

San Luqa jagħmel enfasi kbira fuq il-mumenti li fihom Ġesù talab, kif ukoll dawk il-mumenti li fihom Ġesù għallem dwar it-talb. Imbagħad huma ħafna dawk il-persunaġġi li huma marbuta ma' dan l-ispirtu tat-talb; insemmu lil Zakkarija; Eliżabetta; il-Madonna; ix-xwejjaħ Xmun fit-Tempju u l-profetessa Anna. Insemmu fuq kollox it-tliet innijiet ta' talb per eċċellenza: il-*Benedictus* (1:68-79), il-*Magnificat* (1:46-55) u n-*Nunc Dimittis* (2:29-32) li huma tassew tifħir lil Alla għal kull ma għamel mal-poplu tiegħu. Insibu ħafna messaġġi ta' talb fil-kuntest tal-parabboli u l-maħfra u l-ħniena t'Alla. Luqa juża varjetà kbira ta' kliem grieg li għandu x'jaqsam mat-talb. Infatti t-talb jissemma madwar 65 darba fejn għandna madwar 25 kelma differenti. Fosthom insibu: *proseuche* (li nsibuha 22 darba u 25 darba fl-Atti); *deesis* (19 il-darba), *enteuxis*; *euchomai, aiteo* u *erotao*. Naraw diversi forom ta' talb: tpattija tad-dnubiet, bħala tfittxija ta' Alla; petizzjoni; għajnuna, għall-fejqan, ta' fiduċja, ringrazzjament, tifħir u glorja lil Alla (ara 2:36–38; 3:21; 4:42; 5:16; 6:12; 9:18, 29; 10:21–23; 11:1–4, 5–8, 9–13; 18:1–8; 18:9–14; 21:36; 22:39–46).

Il-Vangelu jippreżentalna lil Ġesù jiekol mal-pubblikani u l-midinbin, u naraw fuq kollox l-importanza tat-tema ewkaristika. Mhux ta' b'xejn li naraw lil Ġesù jitwieled

f'Betelehem, jigifieri fid-dar tal-ħobż (2:4-7) u l-Madonna tpoggih f'maxtura, il-post tal-ikel tal-annimali (2:7). Il-Vanġelu jsemmi l-parabbola tal-ħmira (*zuma*) f'13:20-26) u taż-żerriegħa tal-mustarda f'13:18-19. Jissemma l-ħobż ażżmu (*azumos*) fl-Ikla tal-Għid u fl-aħħar l-episodju ewkaristiku tal-qsim tal-ħobż f'Emmaws f'24:35.

Il-Vanġelu ta' Luqa jrid iwassal l-istorja tas-salvazzjoni (*heilsgeschichte*). Skont il-biblista Harris, it-talb f'Luqa huwa "*The primary signifcance of prayer in Luke's thought is that it serves as an important way in which the divine plan of salvation is made known*". Insibu ukoll f'Luqa l-muntanja u d-deżert u diversi postijiet marbuta mat-talb.

**Konklużjoni**

Il-Vangelu ta' San Luqa jibda mela bit-talb fit-tempju ta' Zakkarija u jispiċċa bit-talba ta' tifħir lil Alla mill-Appostli fit-tempju bħala '*leitourgia*' finali, u fiċ-ċentru tal-opra tiegħu nsibu t-Talba tal-Missierna. Din l-istruttura fit-tielet Vangelu turi l-qofol u l-importanza tat-talb li huwa dejjem imnebbaħ mill-Ispirtu ta' Alla li mexxa lil Ġesù u lill-Appostli u li għandu jmexxi wkoll lilna fit-triq tat-talb.

# IL-KONVERŻJONI FIL-BIBBJA

*Fr Charles Buttigieg*

*"Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek;*
*fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti" (Salm 50:3)*

## Il-kelma 'Konverżjoni'

Ġesù beda l-missjoni tiegħu b'sejħa għall-konverzjoni: "Indmu u emmnu fil-Bxara t-Tajba" (Mk 1:15). Il-kelma Lhudija għal 'konverżjoni' hija '*xuv*', li tfisser 'terġa' lura', 'iddur', 'ritorn', 'iddur lejn l-oriġini', mela ddur lejn Alla (ara Ġer 2:27). Il-kelma Griega '*metanoia*' hi iktar profonda u tfisser 'bidla fil-ħsieb' (*meta* - bidla, *noeo* - ħsieb) bidla fil-mentalità, bidla fil-moħħ, bidla fir-ruħ. Fl-Atti tal-Appostli 9:35; 11:21; 15:3 għandna kelma Griega oħra, '*epistropho*' li tfisser: bidla fil-kondotta tal-ħajja: "In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh u daru (*epestrepsan*) lejn il-Mulej" (9:35). Il-konverzjoni hija fuq kollox sejħa sabiex dejjem nimmaturaw fil-fidi u niġġeddu fi Kristu.

Interessanti wkoll li nsemmu r-rabta tan-numru erbgħin fil-Bibbja mal-konverżjoni. In-numru erbgħin huwa dejjem marbut ma' żmien ta' rikonċiljazzjoni tant mixtieqa. Għandna l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl tad-dilluvju f'Ġen 7:11; l-erbgħin sena tal-poplu jiġġerra fid-deżert qabel ma daħal fl-Art Imwiegħda f'Num 14:34; Mosè idum erbgħin jum u erbgħin lejl fuq is-Sinaj (Eż 24:18); diversi imħallfin u slaten damu erbgħin sena (ara Imħallfin 3:11; 5:31; 1Samwel 4:18 u 1Slaten 2:11); l-erbgħin jum għall-konverzjoni ta' Ninwe f'Ġona 3:4; l-erbgħin jum ta' Ġesù' fid-dezert qabel ma beda l-ministeru pubbliku tiegħu f'Mt 4:2; u l-erbgħin jum sal-Axxensjoni (Lq 4:2 u Atti 1:3).

Il-Bibbja, li hija l-istorja tas-salvazzjoni, hija mmarkata mela mis-sejħa għall-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla.

## Il-Konverżjoni fl-Antik Testment

### 1. L-Indiema u l-Penitenza

Għedna li l-konverżjoni timplika bidla fil-ħsieb u ddur lejn Alla. Dan il-proċess jidħer fil-Bibbja permezz tal-indiema u l-penitenza. L-indiema hija meta l-bniedem jagħraf u

jammetti l-iżball li jkun għamel, jiddiżpprovah, jisgħobbih, jiddeċiedi li jħalli d-dnub u jibda ħajja ġdida. Il-penitenza li għandha tesprimi din l-indiema sinċiera sservi sabiex il-bniedem ipatti għal dnubietu u jimmatura iktar fir-ritorn tiegħu lejn Alla.

Fil-Bibbja nsibu sens qawwi ta' ndiema, pereżempju l-indiema individwali tas-Sultan David, li dineb gravament u ġie mċanfar mill-Profeta Natan. Din hi espressa fis-salmi tiegħu, fosthom dak 50 (Il-*Miserere*): "Ikollok ħniena minni o Alla fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti" (v.3). Insibu wkoll indiema komunitarja u ndiema nazzjonali.

Il-profeti kellhom proprju din il-missjoni, li jsejħu lill-poplu għall-indiema, għal dik vera u sinċiera. Il-Profeta Osea (fit-8 seklu Q.K.) jikteb: "Jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju, li tagħrfu lil Alla rrid u mhux vittmi maħruqa" (Os 6:6). F'Ġeremija, qabel l-eżilju fis-6 seklu Q.K., insibu: "Jekk intom tbiddlu għall-aħjar imġibitkom u għemilkom, jekk tagħmlu l-ħaqq bejn wieħed u għajru, jekk ma tgħakksux 'il-barrani, l-iltim u l-armla, u demm bla ħtija ma xxerdux f'dan il-post, u wara allat oħra ma tmorrux b'deni tagħkom, inħallikom tgħammru f'dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem" (Ġer 7:5-7).

Il-Profeta Eżekjel fl-eżilju, jikteb: "Imma jekk il-midneb jerġa' lura mid-dnub li jkun għamel u jagħmel is-sewwa u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu" (Eżek 18:28). Fit-tielet Isaija wara l-eżilju nsibu: "Jaqaw mhuwiex dan is-sawm li jiena rrid, jigifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin u tkisser kull madmad?" (Is 58:6).

Il-Profeta Ġona (fil-5 seklu Q.K.) kien mibgħut minn Alla biex isejjaħ għall-indiema u għall-konverżjoni lill-poplu ta' Ninwe (Illum din hi l-belt ta' Mosul fl-Iraq u li fi żmien Ġona kienet stmata li kellha kobor ta' 30 mil). Il-Profeta Ġoel, fis-sena 400 Q.K., nieda b'qawwa kbira jum il-Mulej u stieden għall-konverżjoni vera: "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom" (Ġoel 2:13).

## 2. Liturġiji penitenzjali

Fil-ktieb tal-Levitiku nsibu diversi sagrifiċċji ('*sacri-ficio'* - tagħmel xi ħaġa sagra) bħala sinjal ta' ndiema. Insibu s-sagrifiċċji tal-ħruq, 'l-olakawst' (kap 1), fejn il-vittma kienet tinħaraq ('*kaustos*') kollha kemm ('*holos*') lil Alla u d-duħħan tal-vittma kien jogħla '*olah*' lejn is-sema. L-iskop ta' dan kien qima lil Alla, talba għal xi grazzja u sinjal ta' ndiema u tpattija għal dnubiet. Insibu s-sagrifiċċji tas-sliem u ta' devozzjoni, '*zebah xelamin'* (kap 3) bħala ħbiberija bejn Alla u l-bniedem. Insibu wkoll is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, '*hattah*' (kap 4) biex proprju jpatti għall-ħtija li wieħed ikun għamel u b'hekk jitnaddaf mit-tniġġis tiegħu. Il-vittma kienet biċċa tinħaraq fuq l-artal, biċċa tingħata lill-qassis u l-bqija kienet

tinħaraq 'il barra mill-komunità. Insibu wkoll sagrifiċċji oħra ta' riparazzjoni minħabba nuqqasijiet lejn il-qassisin u s-santwarju. Maż-żmien insibu diversi liturġiji penitenzjali bħala penitenzi komunitarji tassew żviluppati, pereżempju f'Neħemija kap 9, fejn insibu lil ulied Israel lebsin l-ixkejjer u bit-trab fuq rashom (fil-kultura Griega u dik Feniċja l-irmied hu simbolu ta' qawmien mill-ġdid), samu, qraw mill-ktieb tal-liġi tal-Mulej, stqarrew dnubiethom, talbu għall-maħfra u taw qima lil Alla (ara Ġer 6:26, Ġdt 4:11 u Ġona 3:6). Eżempji oħra nsibuhom f'Is 63:15-19 (dan il-kap inkiteb wara l-eżilju u huwa talba għall-ħniena u l-maħfra); Baruk 1:15-3 (is-segretarju ta' Ġeremija li fil-bidu tal-ktieb tiegħu hemm it-talba tal-poplu niedem) u Danjel 9:3-19 (li hija s-supplika tal-istess profeta fit-3 seklu Q.K.). Minn dan kollu mela naraw li l-poplu li jrid idur lejn Alla, kien isum, jilbes l-ixkejjer, iqiegħed l-irmied fuq rasu, joffri sagrifiċċji għall-maħfra, jitlob bil-biki u jgħanni għana ta' niket. Anke fil-liturġija tagħha l-Knisja żvilipput il-ġurnata tal-bidu tar-Randan, l-Erbgħa tal-Irmied, li insibuha diġà fis-sena 960. Dan il-jum għandu oriġni mir-rit Mozararabiku Spanjol, fejn kienu jużaw l-irmied tal-palm ta' Ħadd il-Palm tas-sena ta' qabel.

## 3. Salmi penitenzjali

Għandna wkoll is-salmi penitenzjali, sew individwali u sew kollettivi, li huma s-Salmi 6; 32; 38, 50; 102; 130 u 143. Is-Salm 130 (*De profundis*): "minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej: isma Sidi il-leħen tiegħi!"(v.1-2) kien jitkanta mill-pellegrini fi triqthom lejn Ġerusalemm b'qalb niedma, qabel il-liturġija u s-sagrifiċċju tal-maħfra.

## 4. Jum il-Maħfra

Fil-Lhudi, il-verb għal 'maħfra' huwa '*kafar*' li jfisser li 'tgħatti', 'tostor', 'taħbi'. Jista' ifisser ukoll 'timsaħ' kif ukoll 'tirrikonċilja' u 'tifdi'. Infatti il-'*kofer*' kien il-prezz tal-fidwa ta' persuna mill-jasar. Il-verb Malti 'ħafer' għandu konnessjoni ma' dan il-verb Lhudi. Fl-Għarbi għandna l-kelma '*kafara*' li tfisser 'għatu'. Fil-Malti mbagħad għandna l-kelma 'kapparra'. Il-*kaph*, 'k' Lhudija, hi ppronunċjata eżattament bħall-'ħ' qawwija tal-Malti, u l-'pe' Lhudija tinħass 'f' meta tkun singola u 'p' meta rdoppjata; għalħekk fil-Lhudi għandna '*yom kippur'*, 'jum il-maħfra' u n-nom '*kapporeth*', l-għatu, dik iċ-ċangatura tad-deheb li servi ta' għatu għal fuq l-arka tal-patt. Dan il-jum huwa meqjus bħala 'is-Sibt tas-Sibtijiet'.

Il-poplu Lhudi kien obbligat mill-Mulej li n-nazzjon kollu ta' Iżrael darba fis-sena jniedi jum ta' penitenza nazzjonali u ta' tpattija kif naraw f'Lev 16, jum l-espjazzjoni jew il-

purifikazzjoni tal-poplu, '*Yom Kippur'* (Bil-Grieg '*hemera eksilasmou'* u bil-Latin '*dies propitiationis'* u fit-Talmud insibu '*jom som'*, 'jum is-sawm', bħalma hu msejjaħ fl-Atti 27:9.) li jaħbat fl-10 tax-xahar ta' Tixri (Settembru-Ottubru) u meta l-Qassis il-Kbir, liebes l-ilbiesi speċjali tal-penitenza, kien jidħol darba fis-sena fil-post il-qaddis, is-santwarju, *debir* (fis-*Sanċtum Sanctorum*) fejn kien ħemm l-arka, it-tron ta' Alla. B'rispett huwa kien jidħol ħafi bħalma għamel Mosè fuq il-Ħoreb. Il-Qassis il-Kbir kien ipatti għal dnubietu kif ukoll għall-ħtijiet tal-poplu. Huwa, digà minn ġimgħa qabel, kien jinqata' waħdu min-nies u jagħmel penitenza qabel ma jidher quddiem il-Mulej. Il-poplu, sa minn ġurnata qabel, kien jibda s-sawma li fiha la kien jiekol u lanqas jixrob. Kien jilbes ilbies abjad b'sinjal ta' vistu, uħud kienu jilbsu lbies li jniggeż jew isawtu lilhom infushom, kienu jpoġġu anke l-irmied fuq ir-ras u l-irgiel ma kinux jqaxxru l-leħja.

Kien imbagħad f'dan il-jum ta' penitenza nazzjonali li l-poplu kien jinġabar fil-bitħa l-kbira tat-tempju u hemm jinqraw is-siltiet mill-Kotba Mqaddsa, speċjalment mill-ktieb ta' Ġona (bin Amittaj) dwar il-konverzjoni ta' Ninwè, il-kapitali tal-Assirja, u l-kapitlu 58 ta' Isaija (*Haftarah*, li jinqara filgħodu). Ix-xjuħ tal-poplu kienu jippreżentaw żewġ bdabad. Bix-xorti kien jintgħażel dak li jkun ta' Alla u dan kien jinqatel għas-sagrifiċċju u d-demm tiegħu kien jinġabar fi bwieqi biex parti minnu jitraxxax fil-post il-qaddis, fuq l-għatu tal-arka, il-propizjatorju (il-maqgħad, is-siġġu tal-ħniena ta' Alla ) il-'*hilasterion*'. Hawnhekk biss u f'dan il-jum biss, il-qassis il-kbir jippronunzja l-isem sagru ta' Alla, 'Jaħweħ'. Imbagħad joħrog bil-bqija tad-demm u jroxxu fuq il-poplu niedem minn ħtijietu kollha sabiex ifakkar fid-demm tal-ħaruf maqtul li ġie mraxxax fuq il-blajjet tal-bibien tagħhom fl-Eġittu u li kien ħelishom mill-mewt.

Il-bodbod l-ieħor kien '*l-għażażel'*, litteralment 'il-mogħza li titlaq', mill-Feniċu '*aziz*' jew '*bel-aziz*', u l-anġlu '*Uzza*', (ara wkoll Lev 16:8). Hemm ukoll l-isem '*sair hammishtaleakh'*, mill-Akkadiku fejn '*seri*' tirreferi għax-'xagħri'. Wara li l-qassis ikun stqarr il-ħtijiet tiegħu u tal-poplu fuqu, lil dan il-bodbod kienu jitilquh fid-deżert iġorr fuqu d-dnubiet tal-poplu biex hemm jiltaqa' mal-ispirtu ħażin tad-deżert, '*Għażażel*'. Fl-Ebrajk ukoll il-verb '*amaxu*' ifisser 'titlaq' u fl-Assirjan hemm l-kelma '*kuppuru*' li tfisser 'tkeċċi l-ħażen'. Fis-Sumeru hemm il-kelmiet '*bir-xuldubba*' u '*bir-gibillu'*. Għażażel kien id-demonju li kellu forma ta' gidi (bl-Għarbi: *hazzaun*; bil-Malti: il-ħazin). Dan jista' jirrifletti influssi mir-religjonjiet tal-Ħitti u tal-Mesoptamja fejn kienu jiġu ssagrifikati l-mogħoż lill-allat ħalli jikkalmaw mill-qilla tagħhom wara xi diżastru. Tajjeb ukoll li ngħidu li l-mogħoż kannella u bis-suf skur 'capra hircus mambrica', li wieħed isib ġewwa Iżrael huma marbuta u huma simboli tad-dnub, muri mill-atteġjament tagħhom billi xi kultant jidhru qishom jaqbżu

u dan ifisser li jmorru kontra n-norma tal-liġi ta' Alla. Interessanti ukoll l-etimoloġija Ċiniża dwar dan l-ispirtu tal-gidi li biċ-Ċiniż jissejjaħ '*Kidi*' jew '*Gidi*', bl-Assirjan '*gidim*'.

**Il-Konverżjoni fit-Testment il-Ġdid**

Fil-Ġ.T. naraw lil Ġwanni l-Battista jistieden lin-nies u jgħajjat bħall-iljun: "Indmu, għax is-Saltna tas-smewwiet waslet" (Mt 3:2), espressa fil-magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet li hu kien jagħmel fix-xmara Ġordan.

Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù' wara erbgħin jum ta' rtir fid-deżert jibda proprju b'din l-istedina: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet: indmu u emmnu fil-Bxara t-tajba" (Mk 1:15). Kristu, qabel xi miraklu, kien jitlob att ta' konverżjoni u ta' fidi: "il-fidi tiegħek fejqitek" (Mk 10:52). U fuq kollox it-tagħlim tiegħu kien kontinwament stedina għall-indiema u l-maħfra, kif naraw fil-parabboli tal-maħfra ta' Alla, per eċċellenza dik tal-Iben il-Ħali fejn għandna dik ix-xena kommoventi tat-tgħanniqa tal-missier ma' ibnu li kien 'mejjet' fid-dnub.

San Pawl ifisser din il-bidla, bil-kunċetti tal-bniedem il-qadim "imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa" u l-bniedem il-ġdid "maħluq" skont Alla. Din hija l-ħajja ġdida fi Kristu: "Għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija ġejja mill-verità" (Ef 4:22-24).

Il-predikazzjoni ta' San Pietru fl-Atti tal-Appostli hija wkoll stedina għall-indiema: "Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:39.)

L-Ittra lil-Lhud turi lil Kristu li hu l-Qassis il-Kbir li xerred demmu għalina u daħal fis-santwarju tas-sema biex jidħol għalina, Kristu li hu nnifsu jsir il-'*hilasterion*' il-ġdid, l-għuda tas-salib, l-għuda tal-ħniena ta' Alla sabiex permezz tad-demm tiegħu jsalvaw il-bnedmin kollha (ara Lhud 8:1-6).

Anke fl-Apokalissi, l-aħħar ktieb fil-Bibbja, San Ġwann jistieden lill-Knisja ta' Efesu għall-penitenza u għall-indiema. "Mela issa, ġib quddiem għajnejk fiex waqajt; indem u erġa' aqbad l-opri tiegħek tal-bidu" (Apok 2:5).

## Konklużjoni

Tajna ħarsa mela fil-qosor lejn il-mixja tal-konverżjoni tal-bniedem lejn Alla fil-Bibbja. Ejjew aħna lkoll, mgħammdin fi Kristu, inwettqu l-missjoni tagħna li nikkonvertu kuljum u li ngħinu lill-oħrajn sabiex iqumu tassew mid-dlam tad-dnub tagħhom għall-glorja tal-qawmien ta' Kristu.

## Biblijografija


- BAEL, C.J., "Azazel", in *Hebraica* 7 (1890) 77-79.
- BEAUCHAMP, P., *I profeti d'Israele o il dramma di un'alleanza*, Cinisello Balsamo 1988.
- BELLELI, L., "The High Priest's procession on the Day of Atonement", in *The Jewish Quarterly Review* 17 (1904) 163-167.
- BIEDERMANN, H., *Dictionary of Symbolism*, New York 1992.
- BLOMBERG, C., "Jesus, sinners, and table fellowship", in *Bulletin for Biblical Research* 19 (2009) 35-62.
- BUBER, B., *Moses*, Amherst (NY) 1988.
- CARMICHAEL, C., "The Origin of tħe Scapegoat Ritual", in *VT* 50 (2000) 167–181.
- EPHROS, A.Z., "The book of Jonah as Allegory", in *Jewish Bible Quarterly* 27 (1999).
- FRANCE, R.T., "Conversion in the Bible", in *EQ* 65 (1993) 291-310.
- GARBINI G., *Note di lessicografia ebraica*, Bresċia 1998.
- GAVENTA, B.R., *From Darkness to Light: Aspects of Conversion in the New Testament*, Philadelphia (PA) 1986.
- HAUPT, P., "Babylonian elements in the Levitic Ritual", in Journal of Biblical Literature 19 (1900) 55-81.
- HOENIG, S.B., "The New Qumran Pesher on Azazel", in *JQR* 56 (1966) 253.
- KIDNER, F.D., *Sacrifice in the Old Testament*, London 1951.
- KIUCHI, N., "LIVING LIKE THE AZAZEL GOAT IN ROMANS 12:1B", IN *TYNDALE BULLETIN* 57 (2006) 251-261
- KLUGER, R. S., *Satan of the Old Testament*, Evanstone 1967.
- KÜNG, H., *Ebraismo. Passato, presente, futuro*, Milano 1999.
- LURKER, M., *Wörterbuċh biblischer Bilder und Symbole*, Munich 1987.
- MEYNET, R., *Morto e Risorto secondo le Scritture*, Bologna 2002.
- PINKER, A., "A goat to Azazel", in *Journal of Hebrew Sriptures* 7 (2007) 2-25.
- PRICE, T.D., Tħe Assyro-Babylonian Scapegoat controversy", in *The American Journal of Semitic languages and literatures* 20 (1904) 173-181.
- SCOLNIC, B.E., "Recent scholarsħip on the book of Jonah", in *Conservative Judaism* (1994) 53-63.

- SHEPARDSON, C., "Interpreting the Ninevites' repentance: Jewish and Christian exegetes in Late Antique Mesopotamia", in *Hugoye: Journal of Syriac Studies* 14 (2011) 249-277.
- SCHNIEWIND, J., "The Biblical doctrine of Conversion", in *SJT* 5 (1952) 267-281.
- SUK YEE LEE, A., "Forgiveness and reconciliation in Old Testament sacrifice", in *NJTM* 13 92011-2012) 24-44.
- VOLGGER, D., "The Day of Atonement according to the Temple Scroll", in *Bib* 87(2006) 258–259.
- WITTON DAVIES, T., "Magic, divination and Demonology among the Semites", in *The American Journal of Semitic languages and literatures* 14 (1898) 241-251.

# L-ewwel jum

# L-INKARNAZZJONI:

# ALLA HEKK ĦABBNA LI L-ĦNIENA SARET LAĦAM

*Riflessjoni minn Fr Charles Buttigieg*

*"Il-Missier bagħat lil Ibnu, is-*Salvatur *tad-dinja." (1 Ġwanni 4:14)*

Skont Patri Raymond Brown, biblista magħruf b'mod partikulari għall-kummentarju bibliku dwar l-Evanġelju ta' San Ġwann, isostni li l-ewwel sors għall-Evanġelju ta' San Gwann huwa l-Antik Testment. Insemmu hawnhekk, pereżempju, is-simbolu tat-tinda tad-deżert li naraw proprju fl-ewwel kapitlu, vers 14: "u għammar fostna" (bil-Grieg oriġinali, il-verb '*eskenosen*' litteralment ifisser 'waqqaf l-għarix tiegħu fostna') is-serp tal-bronz fid-djalogu ma' Nikodemu f'kapitlu 3 ; il-manna fid-diskors tal-Ewkaristija f'kapitlu 6 ; l-ilma tal-blata fl-okkażjoni tal-festa tal-għerejjex f'kapitlu 7 u nkomplu billi msemmu l-ħaruf tal-għid, ir-ragħaj it-tajjeb u l-glorja ta' Alla. Fuq kollox ma ninsewx ir-referenzi għall-profetiżmu u s-salmi.

San Ġwann jibda l-opra tiegħu tal-Evanġelju bil-Misteru kbir tal-Imħabba u l-Ħniena ta' Alla kif jidher fil-Misteru tal-Inkarnazzjoni. Nistgħu għalhekk inlaqqmu l-Evanġelju ta' Ġwanni bħala l-Evanġelju tal-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin għaliex tassew naraw din l-Imħabba ta' Alla ssir 'laħam' għalina biex tifdina u ssalvana. San Ġwann, li għall-'Verb', għal Kristu, juża t-terminu Grieg '*Logos*' (bil-latin: *Verbum*), iħeġġeġ lill-komunità sabiex tagħraf li hu l-Iben ta' Alla u b'hekk taqla' l-milja tal-ħajja (Ġwanni 20:21). Rigward dan il-bidu tal-Evanġelju, Boismard jgħid li l-prologu, jew 'daħla', huwa forma ta' innu u huwa stqarrija ta' fidi tal-ewwel Insara. Huwa eżattament Innu lill-Kelma, lil-*Logos,* Innu tassew Kristologiku. Huwa ħsieb għoli ħafna, imqabbel mal-ġeneoloġija ta' Ġesù li nsibu f'San Mattew u San Luqa.

F'San Ġwann, għalhekk, għandna kristoloġija għolja u żviluppata dwar il-figura ta' Ġesù, fejn insibu l-frażi 'Jiena hu' (bil-Grieg: '*ego eimi'*) li fl-Antik Testment hija applikata biss għal Alla, kif naraw f'Eżodu 3:14. Għalhekk San Ġwann ippreżenta mill-ewwel lil Ġesù bħala Alla veru, l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier, u bħala bniedem veru, il-*Logos* li nkarna, li ħa l-ġisem tal-bniedem u ġie jgħammar fostna (Ġwanni 1:14). Biex jikkumbatti wkoll lill-eretiċi, Ġwanni jinqeda hawnhekk bil-kelma Griega '*sarks*', li tfisser

'laħam', biex jenfasizza b'aktar qawwa r-realtà wkoll tal-ġisem uman ta' Ġesù li narawh ifejjaq u jaħfer, bħal fl-episodju tal-adultera fejn naraw lil Ġesù jinżel fl-art bħalma niżel mis-sema. Hu jinżel jikteb biex juri li huwa l-awtur tal-liġi u biex juri li l-isem tal-fariżej u ta' dawk korrotti huwa miktub fit-trab u mhux fis-sema. San Ambroġ jistaqsi: X'kienet il-kawża tal-inkarnazzjoni jekk mhux din, li l-ġisem li dineb kellu jiġi mifdi minn Kristu?"

Nafu ukoll li Ġesù twieled għalina ġewwa Betlehem. L-isem Lhudi 'Beth-lehem', ifisser 'Dar tal-Ħobz'. Insibu l-isem Feniċju ta' '*Bet Lakhmu'*, 'it-tempju tal-alla pagan, dak tal-gwerra. Fl-Akkadiku, il-kelma '*lachmo*' kien tirreferi għal alla tal-fertilità. L-Għarab isejħulha '*Beit Lahm'*, 'id-Dar tal-Laħam'. Fiha jitwieled il-Ħobż Ħaj li niżel mis-sema u li sar bniedem, 'laħam'. bħalna f'kollox minbarra d-dnub. U proprju hawnhekk, f'dan il-post, li l-Mulej kien ser iwaqqaf it-tinda tiegħu u jgħammar fostna: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (Ġwanni 1:14).

Fl-aħħarnett, il-Papa Franġisku, fil-quddiesa tiegħu tal-1 ta' Ġunju 2013 f'Domus Sanctae Marthae, tkellem dwar l-'iskandlu' tal-inkarnazzjoni meta Alla sar bniedem u miet għalina fuq is-salib. Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika jurina b'mod ċar li l-Verb sar bniedem biex isalvana u jħabbibna mill-ġdid ma' Alla, biex aħna nagħrfu l-imħabba ta' Alla, biex ikun għalina eżempju ta' qdusija, kif ukoll biex inkunu nistgħu "nissieħbu fin-natura ta' Alla" (2 Pietru 1:4).

# It-tieni jum

# L-ANĠLI TAL-MULEJ: MESSAĠĠIERA TAL-ĦNIENA TA' ALLA

*Riflessjoni minn Mons Lawrenz Sciberras*

L-anġli huma spirti qaddisa tas-sema, maħluqin minn Alla biex titħabbar xi missjoni permezz tagħhom. Dawk li jħabbru ħwejjeġ żgħar jissejħu anġli, filwaqt li dawk li jħabbru l-ħwejjeġ il-kbar jissejħu arkanġli.

Ara meta fis-sema qamet gwerra, kien l-Arkanġlu Mikiel u sħabu li tqabdu mad-dragun, is-serp tal-qedem (Apok 12). Meta ried jibgħat il-messaġġ tal-Inkarnazzjoni ta' Ibnu, Alla bagħat lill-Arkanġlu Gabriel għand Marija f'Nazaret (Lq 1,26-38). L-istess ngħidu għat-tħabbira li kellu Żakkarija dwar it-twelid ta' ibnu Ġwanni. "Jien Gabriel, li qiegħed quddiem Alla. Hu bagħatni nkellmek u nwassallek din il-bxara" (Lq 1,19).

Hemm imbagħad l-istorja mimlija avventuri ta' Tobit. F'dak il-mument deċisiv – iż-żwieġ ta' Tobija ma' Sara – Din il-familja sabet l-għajnuna mill-Arkanġlu Rafel. Dan l-arkanġlu kien għalihom ta' mediċina u ħniena.

**Il-Ħniena t'Alla**

F'bosta okkażjonijiet jew tagħlim fejn jidħlu l-anġli, toħroġ ħafna fil-beraħ il-ħniena t'Alla. Hekk is-Salm 91,11: "Għax l-anġli tiegħu hu jibgħatlek, u jħarsuk fi triqatek kollha". Dan huwa kliem li juri kemm il-ħniena t'Alla tnissel rispett u tħeġġek bl-imħabba. Għaliex Alla li jista' kollox dejjem lest li jgħin lil kull min jotolbu l-ħniena tiegħu.

(1) Ġrajja oħra fejn l-anġli dehru u tkellmu biex wasslu l-"ħniena" t'Alla huwa fil-każ ta' Abraham. Dan il-patrijarka hekk qal: "Ja Sidi, jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, tibqax għaddej minn quddiem il-qaddej tiegħek" (Ġen 18:3). Fil-fatt, il-ħniena t'Alla waslet tassew għaliex, minkejja li kienet imdaħħla sewwa fiż-żmien, martu Sara kellha tarbija, Iżakk.

(2) Eżempju ieħor fejn l-anġlu ġie u wassal il-ħniena t'Alla insibuh fis-sejħa ta' Imħallef Gidgħon. Lil dan il-mexxej kariżmatiku Alla għażlu biex jeħles lill-poplu tiegħu minn "id il-Midjan" (Mħal 6:2). L-anġlu wiegħed lil Gidgħon li se jkun miegħu. Biss l-imħallef talab lill-anġlu xi forma ta' sinjal tanġibli, tant li qallu: "Jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, agħmilli sinjal li inti qiegħed tkellimni" (Mħal 6:17). Ir-riżultat tal-ħniena kbira ta' Alla deher sew

għaliex Gidgħon, minkejja li kellu biss 300 raġel, rebaħ il-ġwerra kontra l-eżerċtu qawwi tal-Għammalakin.

(3) Fuq kollox, il-ħniena t'Alla, marbuta sfiq mal-kelma, tidher bil-qawwa kollha ma' Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija u missier it-tarbija Ġesù. Kienet ġrajja ta' biża' u tkexkix kbir. Erodi kien qed ifittex biex joqtol it-tarbija ta' Betlehem, Iben Alla! Hawn jintervjeni bil-qawwa kollha Alla billi jibgħat l-anġlu tiegħu b'messaġġ ċar u qawwi għand Ġużeppi. "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sakemm ngħidlek jien, għax Erodi qed ifittex lit-tifel biex joqtlu" (Mt 2:13).

F'dan il-każ partikulari l-ħniena t'Alla toħroġ fil-beraħ biex issalva lill-Bambin Ġesù, ħniena msieħba mal-kelma ta' Alla.

(4) L-aħħar ġrajja fejn jidħol l-anġlu t'Alla u jwassal il-ħniena lil min kien tant jeħtieġha f'dak il-waqt, huwa l-każ ta' Pietru. Dan kien marbut b'żewġ ktajjen u mixħut ġewwa nett fil-ħabs. F'daqqa waħda deher anġlu tal-Mulej. L-anġlu, dejjem biex isabbar lil Pietru, tah daqqa fuq ġenbu u qajmu. Mhux biss, imma l-anġlu kompla jkellem lil Pietru u qallu biex jitħażżem, jilbes il-qorq, idawwar il-mantar miegħu u joħroġ minn hemm ġew. F'dan il-każ ukoll jidher sew kemm Alla ħenn għall-kap tal-Appostli. Tidher ukoll il-qawwa tas-smigħ tal-kelma ta' Alla. Dan nafuh għaliex l-Atti jgħidilna hekk: "Pietru, mela kien arrestat fil-ħabs. Fl-istess ħin, il-Knisja kienet qiegħda titlob lil Alla għalih (Pietru) bil-ħerqa! (Atti 12:5).

**Konklużjoni**

Alla li jista' kollox jinqeda bl-anġli biex bihom iwassal il-messaġġ tal-ħniena tiegħu lill-bnedmin. U dan Alla għadu jistenna li l-bniedem jitlob lilu biex il-ħniena divina tkompli tinżel fuq il-bnedmin.

# It-tielet jum

## ĠUŻEPPI L-ĠUST: IL-ĦNIENA T'ALLA DDAWWAL L-GĦAŻLIET

*Riflessjoni minn Fr Charles Buttigieg*

Kemm hija importanti li fil-ħajja jkollok id-don tal-fiduċja, fiduċja f'Alla, fiduċja fil-qaddisin u fiduċja fik innifsek. Hija l-qawwa għal dawk li huma morda b'marda kiefra għaliex hija l-enerġija li tikkompanjahom fis-sofferenza tagħhom. Dan il-ħsieb narawh f'dak li jagħmel Alla l-Ħanin permezz ta' San Ġużepp, il-bniedem ġust u ħanin, ir-raġel tal-Verġni Marija u l-Kustodju ta' Sidna Ġesù Kristu. Ser naraw flimkien, kif "Ġużeppi", kif ifisser tajjeb ismu, kien tassew bniedem ta' fiduċja.

Nibdew għalhekk mill-isem stess ta' 'Ġużeppi' (bl-Ebrajk: '*yossef*'). Fid-dizzjunarju tal-Ebrajk, il-verb li minnu ġej l-isem Ġużeppi, '*asaf*', għandu żewġ tifsiriet differenti. Il-kelma tista' tfisser 'iżżid' u minn naħa l-oħra tista' tfisser ukoll 'twarrab'. Iżda wieħed hawnhekk malajr jistaqsi: kif jista' jkun li l-kelma 'asaf' għandha żewġ tifsiriet li jmorru kontra xulxin?; jew tfisser 'iżżid' jew inkella tfisser 'twarrab'. Huwa fil-kuntest tal-Bibbja li nsibu eżattament ir-risposta għad-domanda li qegħdin nagħmlu.

Nafu tajjeb li, fil-Bibbja, l-isem ifisser u jagħti d-deskrizzjoni tal-persuna li ġġib dak l-isem. L-isem 'Ġużeppi' fil-Bibbja niltaqgħu miegħu għall-ewwel darba fil-ktieb tal-Ġenesi, kapitlu 30, fil-familja tal-Patrijarka Ġakobb. Dan Ġakobb kien iżżewweġ lil Rakela li għal ċertu żmien ma setax ikollha tfal u għalhekk kellha għajb kbir fuqha. Iżda Alla sema' t-talb tagħha u berikha u taha tarbija. Hu hawnhekk li din l-omm, Rakela, issemmi din l-ewwel tarbija tagħha 'Ġużeppi' għaliex il-Mulej kien 'warrab' is-saħta li kellha u kien ser 'iżidilha' barka oħra 'l quddiem permezz tat-twelid ta' Benjamin. Dan huwa Ġużeppi tal-Antik Testment. Hu proprju dan l-isem affaxxinanti li lil Rakela jimlieha fiduċja u jfejjaqha mill-għajb li kellha għaliex Alla huwa tassew ħanin u wera ħniena magħha. Għalhekk issa nistgħu nifhmu aħjar il-kelma '*asaf*', għaliex Ġużeppi 'warrab' l-għajb ta' ommu u l-Mulej kien ser ikompli 'iżidha' bil-barka tiegħu.

Hija din l-fiduċja li Alla l-Imbierek wera matul l-istorja tas-salvazzjoni fl-Antik Testment. U għalhekk, wara erbgħin ġenerazzjoni ta' milja minn Ġakobb u Rakela, jitwieled Ġużeppi minn Ġakobb bin Mattan, mil-linja regali ta' David. Twieled dak li issa mhux biss isalva lil ħutu mill-guħ, imma dak li saħansitra jiddefendi lil Ġesù, is-Salvatur tad-dinja, mill-qilla ta' Erodi. Kellu bżonn li jerġa' jitfaċċa bniedem b'dan l-isem ta' Ġużeppi, 'il-bniedem

ġust', sabiex Alla jafdalu żewġ teżori kbar minn tiegħu, lil Ġesù u lil Marija. Ġużeppi kellu din il-missjoni, u ta' bniedem ta' fiduċja li kien, kien kapaċi jwettaqha waħdu.

Mhux biss fada fih Alla l-Imbierek, imma fdaw fih ukoll Marija u Ġesù. Huwa veru li fil-Vanġeli m'għandniex kelma waħda miktuba minn dak li qal San Ġużepp, iżda dan għaliex, qabel ma nkitbu dawn il-vrus tal-Vanġeli, diġà kien hemm 'vanġelu ieħor' miktub fil-qalb ta' San Ġużepp, il-'vanġelu tas-skiet u tal-umiltà', il-vanġelu tad-dar ta' Nażaret, 'vanġelu' mimli tant kliem ta' mħabba minn fomm San Ġużepp. U dawk iż-żewġ teżori, għal dik il-vuċi ta' San Ġużepp kienu jħallu kollox u jisimgħuh. San Ġirolmu, li għex ħafna snin f'Betlehem u li għamel it-traduzzjoni Latina tal-Kotba Mqaddsa, ukoll jikkommenta dwar il-figura ta' San Ġużepp, u jgħid kif San Ġużepp pproteġa lil Marija milli tiġi mħaġġra hi u t-tarbija Ġesù fil-ġuf tagħha, u kif ħares dawn iż-żewġ teżori ġewwa l-Egittu mill-kefrija ta' Erodi. Jingħad li meta kien fil-Palestina, San Ġirolmu ċċelebra l-quddiesa fuq l-altar fejn kien hemm meqjuma r-relikwija tal-mantell ta' San Ġużepp (li aktarx ukoll li fih San Ġużepp ġar li Ġesù tarbija) fil-knisja antika ta' Santa Anastasja, mibnija fis-sena 300 minn Appollonja, mara Rumana sinjura. San Bernardinu ta' Siena jikteb li, kif Ġużeppi tal-Antik Testment ma żammx għalih il-qamħ meta waqa' il-ġuħ fil-pajjiż kollu imma qassam minnu lil ħutu u lill-poplu kollu, hekk ukoll San Ġużepp irċieva l-Ħobż mis-Sema biex jieħu ħsiebu għad-dinja kollha. (ara Omelija *Super Missus* est 2,16: PL 183,70).

Il-poplu stess ta' Nażaret ukoll kien jafda fih. San Ġużepp kiseb il-qlub tan-nies ta' Nażaret permezz tat-tjubija u tax-xogħol tiegħu. Kellu s-sengħa tal-mastrudaxxa jew, kif jispjega aħjar il-Grieg, ta' '*tekton*', 'bniedem tas-sengħa', jigifieri bniedem li kien kapaċi jagħmel kollox, saħansitra jaħdem fl-injam qawwi u sod li kien jiġi mir-reġjun tal-qrib, mil-Libanu. U għalhekk Ġużeppi kien lest li jgħin lil kulhadd. Mhux biss il-poplu ta' Nażaret fada f'Ġużeppi, iżda anke l-popli kollha fi ħdan il-Knisja wrew il-fiduċja tagħhom fih, kif jixhed tajjeb il-kult lejn San Ġużepp fl-istorja tal-Knisja. Fis-sena 373 A.D., San Efrem jiddeskrivi lil San Ġużepp bħala l-misteru tal-ekonomija divina tal-Inkarnazzjoni. Il-Knisja tal-Lvant, kif diġà insibu fil-monasteru ta' San Saba fil-Palestina, tiċċelebra l-festa ta' San Ġużepp fil-Milied u dik tal-Ħarba lejn l-Eġittu fis-26 ta' Diċembru. Għall-Knisja Kattolika Maronita, it-tieni Ħadd ta' qabel il-Milied huwa magħruf bħala 'il-Ħadd ta' San Ġużepp', waqt li l-Kaldej jiċċelebraw din l-istess festa l-Ħadd ta' wara l-Milied.

Kellhom fiduċja fih ukoll ħafna qaddisin kbar, bħal Santa Tereża ta' Avila, u ħafna Papiet reċenti fosthom il-Beatu Piju IX, li ddikkjara lill-qaddis Patrijarka patrun tal-Knisja Universali fl-1870; Papa Ljun XIII permezz tal-Ittra Enċikklika 'Quamquam Pluries' fl-1889 dwar id-devozzjoni lejn San Ġużepp; u Papa San Gwanni Pawlu II, li nhar il-15 t'Awissu

1989 ħareġ l-Eżortazzjoni Apostolika *Redemptoris Custos* dwar il-Persuna u l-Missjoni ta' San Gużepp fil-ħajja ta' Kristu u tal-Knisja. Dan il-Papa qal: "Dan hu proprju il-misteru li fih kellu sehem Ġużeppi ta' Nażaret, sehem li ebda bniedem ieħor qatt ma kellu, ħlief il-Verġni Marija. Għalhekk hu r-raġel veru u verġni ta' Marija, omm Ġesù" (*Redemptoris Custos* nru.7). B'rabta mal-misteru tal-Inkarnazzjoni, fin-numru 8 u 19 insibu: "San Ġużepp mexa mill-istess triq tal-fidi, triq kollha kemm hi tal-fidi fil-misteru tal-Inkarnazzjoni"; "Ġużeppi, flimkien ma' Marija, f'dak il-lejl tal-Milied f'Betlehem kien xhud magħżul tal-miġja tal-Iben ta' Alla fost il-bnedmin".

Għalhekk, minn dan kollu li rajna flimkien, żgur li nistgħu nifhmu aħjar kemm San Ġużepp huwa l-qaddis tal-fiduċja, kif ifisser tajjeb l-isem tiegħu fil-Bibbja.

## Ir-raba' jum

# IL-MAGNIFICAT: IL-ĦNIENA T'ALLA TAGĦMEL L-IMPOSSIBBLI

*Riflessjoni minn Mons Anton Mizzi*

Fl-innu tal-***Magnificat*** (Lq 1: 46-55) Marija tesprimi t-tifħir tagħha lil Alla għal dak li hu għamel magħha, imma tkompli twessa' t-tifħir tagħha għal dak li Alla għamel mal-ġusti matul iż-żminijiet. Hija titkellem għaliha stess u għall-komunità, il-poplu t'Alla tul is-sekli u tfakkar fl-istorja ta' azzjonijiet ta' ħniena (Lq 1:50, 54) imwettqa minn Alla għal "*dawk li jibżgħu minnu*".

Il-kelma ħniena (fl-Ebrajk '**hesed**' u fil-Grieg normalment hi tradotta '**eleos**' anke jekk l-użu tagħha fit-Testment il-Ġdid hu aktar wiesgħa) hija użata darbtejn fil-kantiku. Fl-Antik Testment il-'*hesed*' ta' Yahweh hu ħafna drabi marbut mal-patt: fl-imħabba tiegħu Alla għażel lil Iżrael (Eż 20:6; 34:6) jew lil David (2Sam 7:15; 1Slat 3:6; Sl 89:29, 34, 50; f'Lq 1:54-55 hemm ukoll fil-perspettiva l-patt ma' Abraham: ara Ġen 17:7; 22:17) bħala sieħeb fil-patt, mingħajr ebda mertu min-naħa tal-bniedem, imma li mingħandu jitlob fedeltà. Il-ħniena jew it-tjubija ta' Alla marbuta mal-azzjonijiet tiegħu fl-Antik Testment u l-kontinwità tagħhom fi żmien it-Testment il-Ġdid hija turija tal-fedeltà tiegħu lejn il-patt qatt miksur minnu. Għalkemm din il-'*hesed*' kienet tiddependi mill-fedeltà ta' Iżrael lejn il-patt, min-naħa l-oħra Iżrael seta' jappella għal din il-'*hesed*' marbuta mal-patt bħala motiv għala Yahweh għandu jaħfer l-infedeltà tal-Iżraelin lejn dan l-istess patt.

Marija kienet persuna mimlija bl-għerf ispirat mill-kelma t'Alla, kif jixhed il-kantiku li jirrifletti dan l-isfond bħallikieku możajk ta' espressjonijiet mill-Antik Testment. Hija kienet, għalhekk, kapaċi taqra l-istorja u tiskopri r-raġuni tal-intervent divin misterjuż fil-kuntest tal-istorja tas-salvazzjoni. Il-bniedem mhux dejjem jasal biex jifhem il-ħsieb ta' Alla, l-aktar jekk iħossu li hu mkabbar f'qalbu, jew mgħolli b'xi setgħa jew inkella fgat fil-għana tad-dinja. Imma Alla kapaċi jaqleb il-fehmiet tad-dinja u jiġi biex isalva lil dawk li għandhom il-biża' tiegħu, biex jerfa' liċ-ċkejknin u jimla lil dawk li għandhom il-veru ġuħ tiegħu. F'kelma waħda, hu jgħin lil dawk li huma foqra u mwarrba. Alla jħossu tabilħaqq miġbud lejn il-qalb umli. Fejn jidher li hu impossibbli għall-bniedem, isir possibbli bil-kelma u l-qawwa t'Alla

Bħala persuna eżemplari li tagħraf iċ-ċokon jew ix-xejn tagħha ('***tapeinosis***'), Marija wriet li hi dixxiplu fidil u umli. Hi qaddejja tal-Mulej, ubbidjenti għall-kelma tiegħu, tant li r-

respons tagħha għall-misteru tat-tħabbira tal-inkarnazzjoni marbut mal-maternità tagħha, issa wassalha biex tesprimi l-eżultanza tal-ispirtu tagħha f'Alla s-salvatur tagħha. Jekk l-anġlu stedinha biex tifraħ, dan tagħmlu joħroġ aktar mill-esperjenza personali ta' Alla li xeħet ħarstu fuqha bi tjubija, bniedma umli mingħajr importanza storika. Fil-kultura tal-ewwel seklu n-nisa kellhom pożizzjoni soċjali sekondarja. Minkejja dan, Marija hi dik il-mara li tiċċelebra l-kobor t'Alla bħalma, fit-tradizzjoni biblika tal-Antik Testment, insibu nisa simili li għannew b'tifħir lil Alla (Miriam f'Eż 15:21; Anna f'1Sam 2:1-10; Debora f'Mħ 5). Meta hi emmnet fit-twettiq tal-kelma li mela l-ġuf tagħha bil-preżenza tal-Messija, dan għamilha hienja u mbierka fost in-nisa. Dan probabbilment joqrob aktar għall-ħsieb ta' Luqa li jara f'dan il-kantiku lil Marija li tinkorpora l-pjetà tal-Anawim (plural tal-kelma Ebrajka '**anaw**' li tfisser fqir, umli, imnikket) li jikkostitwixxu l-fdal ta' Iżrael. Huma nies umli, foqra, morda, imwarrba, romol u orfni, li jqiegħdu l-fiduċja u t-tama tagħhom mhux fil-qawwa tagħhom imma fil-fiduċja sħiħa tagħhom f'Alla. Dan joħloq kuntrast ma' dawk imkabbra u li ma jonqoshom xejn u ma jħossux il-ħtieġa ta' Alla.

Alla jaf iwettaq ħwejjeġ kbar. Jekk fl-Antik Testment din l-espressjoni tindika l-ħelsien tal-poplu ta' Iżrael mill-Eġittu jew mill-Babilonja, fejn wera l-qawwa ta' driegħu, issa f'dan il-kantiku tirrivela ġrajja teoloġikament misterjuża, il-konċepiment verġinal ta' Ġesù. Alla hu s-Setgħani, li għalih xejn ma hu impossibli (Lq 1:37). Hu jibqa' juri tjubitu u l-fedeltà tiegħu lejn il-bnedmin, jiġifieri dik il-ħniena li Marija setgħet idduq fl-esperjenza straordinarja tal-ħarsa tiegħu fuqha. Din il-ħniena tinfirex ukoll fuq dawk li jibżgħu minnu billi tispira fihom sens ta' qima u reverenza lejn il-majestà tiegħu u hekk jiskopru aktar il-ħniena mingħajr limiti tiegħu.

# Il-ħames jum

# IL-BENEDICTUS: IL-QALB ĦANINA T'ALLA TAGĦNA U L-UMILTÀ

*Riflessjoni minn Mons Anton Mizzi*

Il-kantiku tal-*Benedictus* (Lq 1:67-79) hu l-itwal wieħed fost l-erbgħa kantiċi li nsibu fir-rakkonti tal-infanzja fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġelu ta' Luqa. Dan isegwi dritt it-twelid ta' Ġwanni l-Battista u l-ħwejjeġ tal-għaġeb li seħħew fil-jum taċ-ċirkonċiżjoni u l-għoti tal-isem lit-tifel. F'din il-ġrajja kollha tkompli timmanifesta ruħha l-ħniena ta' Alla u tidher l-umiltà tal-karattri involuti fiha, li flimkien ma' oħrajn ifaħħru lil Alla li jidħol għall-poplu tiegħu.

Żakkarija (li jfisser Alla jiftakar) kien qassis, u hu u martu Eliżabetta (li jfisser Alla hu l-milja) li kienu dixxendenti ta' Aron, kienu nies ġusti li josservaw il-preċetti tal-Mulej. Iżda ma kellhomx tfal, ħaġa li ġġibilhom għajb u ġġagħalhom jitqiesu fost in-nies umli (ara nisa simili fl-Antik Testment fosthom Sara, omm Sansun, u Anna, omm Samwel). It-twelid ta' Ġwanni (li jfisser Alla li jħenn jew juri tjubitu) ġab żvolta fis-sitwazzjoni tagħhom. Meta Luqa jsemmi dawn in-nies u oħrajn fi ġrajjiet relatati, partikularment fl-ewwel żewġ kapitli tal-Vanġelu tiegħu, hu donnu jagħti x'jifhem li dawn bħallikieku qed jirrappreżentaw lil Iżrael bl-istorja tiegħu ta' stennija, b'tama li jirrispondi għar-rivelazzjoni ta' Alla. Anke l-ismijiet ta' dawn il-persuni, fit-tifsira tagħhom ikomplu jindikaw dan il-messaġġ.

Iċ-ċelebrazzjoni tal-ħniena ta' Alla ('***hesed***'), fil-kuntest tal-patt kif muri fl-Antik Testment, tkompli. It-twelid ta' Ġwanni hu evidenza ta' ħniena ma' Eliżabetta. Hawn Luqa juża l-istess verb li nsibu fil-bidu tal-*Magnificat* ("*tfaħħar il-kobor*") u għalhekk jikkwalifika bħala "*wera ħniena kbira*" ('***megalunō…eleos***':Lq 1:58; minbarra t-tifsira tal-isem Ebrajk '*Yohanan*', l-espressjoni b'dawn iż-żewġ kelmiet tista' ssib l-eku tagħha f'Ġen 19:19 tas-LXX). Fit-twelid ta' ibnu, lil Żakkarija jinħallu lsienu, jibda jitkellem u jinfexx jesprimi l-ferħ tiegħu b'tifħir lil Alla. Hawn nosservaw li din il-koppja umli, wara snin twal ta' għajb u b'Żakkarija spiċċa mbikkem, issa hi mdawra minn ġrajjiet kbar: l-isem mhux mistenni tat-tifel, il-missier li jerġa' jibda jitkellem u li fuq kollox hu mnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu. Hu ħabbar l-innu profetiku ta' tifħir, il-*Benedictus,* li għandu viżjoni universali u li joffri kummentarju divin għall-pjan ta' Alla. Fih hi mwiegħba b'mod profetiku l-mistoqsija ('***eprophēteusen***': jitkellem imnebbaħ u jinterpreta l-ġrajja li għaddej minnha kull wieħed mill-membri tal-familja tiegħu) dwar it-tifel mibdija bl-espressjoni "*x'għad mela*" (Lq 1:66;

mhux 'min') jgħaddi minnu dan it-tifel, bħallikieku l-irwol tiegħu hu f'riskju. Imma Ġwanni hu l-profeta tal-aktar Għoli, il-prekursur li juri lil Ġesù.

L-innu hu msawwar min-nisġa ta' kwotazzjonijiet u allużjonijiet mill-Antik Testment. Hawn ukoll għandna fl-isfond it-tema tal-fqar ta' Yahweh, nies umli u mġarrba msejħa l-*anawim* li juru tama u fiduċja f'Alla li jintervjeni fil-ġrajja tal-bnedmin. Dan l-innu jafferma l-patt ta' Alla, mifhum bħala storja tal-ħniena ta' Alla ('***hesed***' – '***eleos***' imsemmija darbtejn Lq 1:72,78). Iż-żjara ta' Alla sseħħ permezz tal-Messija bħala "*qawwa ta' salvazzjoni*" biex jifdi, kif kien wiegħed fl-imgħoddi permezz tal-profeti. Din is-salvazzjoni turi l-ħniena ta' Alla u tfakkar fil-patt li kien sar ma' Abraham (Ġen 17:4) u fil-ħalfa miegħu (Ġen 22:16-18), imma wkoll fil-wegħda ma' David (ninnotaw il-paralleliżmu bejn "patt" u "ħlift" f'referenza għal David f'Sl 89:4). Dak li Alla jagħmel mal-poplu tiegħu jwettqu permezz tal-Messija. L-għan tas-salvazzjoni, fi kliem Żakkarija, mhuwiex li hu jirtira mill-ħajja jew iħares biss lejn premju fis-sema fil-ġejjieni. Fil-qalb tiegħu hemm ix-xewqa li, bla biża u b'rieda sħiħa, iservi lil Alla skont il-patt (Dewt 11:13) bil-virtujiet tal-ġustizzja u tal-qdusija (ara Għerf 9:3). Din hi espressjoni ta' ruħ umli u eżemplari li tara s-sens tal-ħajja fil-qadi ta' Alla.

It-tieni parti tal-innu titkellem dwar l-irwol tal-Battista (Lq 1:76-77) u wkoll ta' Ġesù (Lq 1:78-79). L-irwol ta' Ġwanni fl-istorja tas-salvazzjoni hu li jħejji minn qabel lill-poplu għal-għarfien tas-salvazzjoni fi Kristu. Meta jistedinhom għall-konverżjoni huma jaslu biex jiksbu s-salvazzjoni fl-esperjenza tal-maħfra tad-dnubiet, tema maġġuri għal Luqa (Lq 24:47; At 2:38; 5:31; 10:43; 13:38; 26:18). Il-maħfra hija komponent ewlieni fl-espressjoni tal-ħniena ta' Alla ġejja tabilħaqq mill-qalb (litteralment mill-"ġewwieni tal-ħniena", il-post tal-emozzjonijiet, għalhekk mill-qalb). Din il-kompassjoni tfeġġ bil-missjoni tal-Messija Ġesù meta l-jum tiegħu jżernaq u, bħax-xemx li qatt ma tinsel, jeħlisna mid-dlam tal-mewt u jiggwidana fit-triq tas-sliem. Din il-ħniena ta' Alla titlob mill-bniedem l-umiltà li, bħal Żakkarija, jagħraf il-ħtieġa li jkun totalment dipendenti minn Alla. Il-bniedem ġust jemmen li l-unika vera triq fil-ħajja hija dik li hi f'idejn Alla.

# Is-sitt jum

# IT-TARBIJA FIL-MAXTURA: IL-ĦNIENA FIL-KELMA

*Riflessjoni minn Mons Lawrenz Sciberras*

Ir-raħal ċkejken ta' Betlehem, dejjem fl-ambjent bibliku tiegħu, għandu tassew għax jifraħ li ta lil Iżrael wieħed mill-aqwa slaten tiegħu. Mill-familja ta' David, kif ħabbarlu sew il-Profeta Natan, kellu jitwieled l-Emanweli (2 Sam 7). Iżda dan kollu ma huwa assolutament xejn, sempliċement dell, ħdejn dak li ġara madwar 1000 sena wara, dejjem ġo Betlehem, meta twieled Iben Alla. Dak li tant xtaquh il-patrijarki, ħabbruh il-profeti, u stennewh bl-akbar ħerqa in-nies, għamel l-għamara tiegħu fostna. Kemm huwa qawwi kliem l-Evanġelista Ġwanni: "U l-Verb sar bniedem u għammar fostna" (Ġw 1:14).

## Id-digriet ta' Ċesri

U sabiex isir dan it-twelid kif ippjanat minn Alla, Ċesari Awgustu, mingħajr ma għaddielu xejn minn moħħu, ħareġ digriet biex kulħadd imur jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu (Lq 2:3). Ġużeppi u martu Marija għalhekk kellhom jitilqu minn Nazaret fejn kienu joqgħodu u jmorru jinkitbu Betlehem. Ir-raġuni wara dan kollu kienet waħda sempliċi. Ir-razza ta' Ġużeppi kienet ġejja minn dik tas-Sultan David. Dan twieled Betlehem, għex Betlehem u ġie midluk sultan minn Samwel f'Betlehem ukoll. Mela Ġużeppi, il-kap tal-familja, kellu jitlaq minn Nazaret u jmur Betlehem biex hemm jinkiteb ma' martu Marija. Anzi hawn min iżid ukoll li Ġużeppi seta' kellu xi proprjetà f'Betlehem, eżempju xi għelieqi, ġejjin mill-familja u mill-antenati tiegħu.

F'Betlehem Ġużeppi ħabbat wiċċu ma' dak li ma xtaqx. Dan għaliex almenu post fejn jgħaddi lejl wieħed ma' Marija ma sabx. Il-fatt li l-lukandi kienu mimlijin ifisser li min kien jiflaħ iħallas, sab post. Għal Ġużeppi u martu Marija ma kienx hemm post! Kellu għalhekk joħroġ xi ftit 'il barra minn Betlehem biex sab "għar" tal-annimali qalb l-għelieqi. Dan il-post, "ħân" bil-Għarbi, huwa post fejn, wara mixja ta' ġurnata, il-pellegrini kienu jistrieħu huma u jserrħu l-bhejjem mit-tgħabija li kien ikollhom fuq daharhom. Mela kien post miftuħ għal kulħadd u fl-istess ħin ma kien ta' ħadd. Ma kienx hemm bibien.

F'dan il-post fejn kienu jistrieħu n-nies u l-bhejjem dejjem kont issib almenu żewġ ħwejjeġ meħtieġa. Dawn kienu l-maxtura minn fejn l-bhejjem jieklu l-għalf tagħhom u xi bir għall-ilma frisk. Fl-Orjent, fejn is-sħana tagħmel aktar, l-ilma jilgħab parti l-aktar importanti.

Kien f'dan il-post waħdu qalb l-għelieqi ta' Betlehem, post mingħajr ebda lqugħ ta' ħadd u xejn, li Marija tat lid-dinja l-iben uniġenitu tagħha. Iben Alla, daqskemm hu iben Marija, deher magħna u fostna bħala tarbija. Hawn tajjeb li nirriflettu ħafna fuq kliem il-Ktieb tal-Għerf, kliem li tant joqgħod għat-twelid ta' Ġesù. F'dan il-kliem missirijiet il-Knisja raw il-misteru kollu tal-Inkarnazzjoni: "Waqt li ħemda ta' kwiet kienet taħdem fuq kollox, u l-lejl kien jaqbeż nofs il-mixja tiegħu, il-kelma setgħana tiegħek mit-tron tas-sultan tas-sema, niżlet bħal ġellied qalil, f'nofs dik l-art misħuta" (Għerf 18:14-15).

**Fil-maxtura**

Naturalment Marija, li kienet taf sew li l-waqt tat-twelid tat-tarbija tagħha kien fil-qrib, ħasbet u ġabet magħha l-meħtieġ kollu. Difatti, il-Vanġelu jsemmi dawk l-oġġetti l-aktar meħtieġa wkoll għal wara t-twelid, jiġifieri l-fsieqi; "U bħala sinjal ikollkom dan: issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura" (Lq 2:12). Hekk qal l-anġlu lir-rgħajja ta' Bet Sahur!

Il-maxtura hija dik il-ħofra żgħira ġo ħajt, u li tkun mimlija fil-għalf, mela ħaxix aħdar u tiben isfar niexef, biex minn hemm il-bhejjem isibu l-ikel għalihom. U issa f'din il-maxtura Marija, wara li fisqietha, qiegħdet lit-tarbija, f'dak il-post minn fejn il-bhejjem isibu l-ikel. O x'misteru tal-għaġeb ta' Alla magħna u fostna l-bnedmin. Dak li s-sema u l-art ma jesgħuhx, issa qiegħed ġo maxtura; Dak li jdejh għamlu s-sema u l-art , issa għandhom bżonn ta' par idejn oħra biex jerfgħuh. Hekk jaf jirraġuna u jaħdem Alla tagħna.

Is-Sinodu tal-Isqfijiet li sar fis-sena 2008 dwar il-Kelma t'Alla għandu din l-osservazzjoni tant profonda dwar it-twelid ta' Ġesù u t-tqegħid tiegħu fil-maxtura: "L-istess Iben huwa l-Kelma; il-Kelma eterna saret ċkejkna, tant ċkejkna li qagħdet f'maxtura! Din il-Kelma saret bambin, u dan sabiex il-Kelma issir għalina xi ħaġa li tista' tħaddanha. Issa mhux biss nistgħu nisimgħu l-Kelma, mhux biss għandha Leħen; issa l-Kelma għandha wkoll Wiċċ, u li nistu narawh; Dan hu Ġesù ta' Nazaret".

Il-kelma Betlehem, kelma ġejja mil-Lhudi, tfisser dar il-ħobż. Ukoll wara t-twelid, Marija qiegħdet lit-tarbija ġo maxtura, il-post preċiż li minnu jieklu l-bhejjem. Mela dan Ġesù tarbija diġà, aktar bil-fatti milli bil-kliem, qiegħed ixandar li huwa għad ikun ikel li jmantnina. Kollox hekk ifisser u jikkonferma. Aktar 'il quddiem, wara l-miraklu tat-tkattir

tal-ħobż, Ġesù b'insistenza qawwija ħafna għamilha ċara li l-bniedem jeħtieġ li jiekol ġismu u jixrob demmu, dejjem jekk irid jgħix il-ħajja ta' dejjem. "Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja" (Ġw 6:51).

**Konklużjoni**

Meta Ġesù tarbija wasal sa hawn, dan diġà kien qed ixandar bil-fatti l-ħniena li huwa ried iwassal lill-bnedmin kollha, ħniena li tiġi msaħħa aktar kull darba li wieħed jirċievi l-ħobż ta' Betlehem!

## Is-seba' jum

## IT-TĦABBIRA TAR-RAGĦAJJA: IL-ĦNIENA T'ALLA TAGĦŻEL LILL-FQIR

*Riflessjoni minn Fr Samuel Grech*

Il-preżenza tar-ragħajja ġewwa Betlehem hija realtà li tmur lura ħafna snin. Tradizzjoni li ilha sa mit-tieni u t-tielet seklu tgħidilna li Ġesù twieled ġewwa għar f'Betlehem. Hekk jgħidulna l-Proto-Vanġelu ta' Ġakbu, San Ġustinu u Origene. Huwa għalhekk possibbli li qrib il-post fejn twieled Ġesù kien hemm ir-ragħajja għassa tal-merħla.

Dak li jgħidilna l-Evanġelista Luqa dwar ir-ragħajja li rċivew l-aħbar tat-twelid tal-Messija huwa miktub fid-dawl tal-misteru tal-Għid. Meta jgħid *"il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom"* (Lq 2: 9), il-glorja hija dik tal-Għid; filwaqt li meta fil-v.11 jgħid : *"Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej"*, it-titli Salvatur, Messija u Mulej huma ta' Ġesù gglorifikat fil-lemin tal-Missier. Finalment, l-aħbar li xerrdu r-ragħajja ta' Betlehem dwar il-ġrajja tal-Messija li twieled tevoka l-predikazzjoni tar-ragħajja tal-Knisja – l-Appostli u l-kollaboraturi tagħhom – dwar il-ġrajja ta' Kristu li qam mill-mewt. Bis-saħħa tar-rabta li l-Evanġelista jagħmel bejn il-Milied u l-Għid, il-komunità Nisranija tista' tara fil-Bambin li twieled l-Iben t'Alla li qam mill-mewt.

Din ir-rabta tkompli tidher meta r-ragħajja jgħidu lil xulxin: "Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x'ġara, kif għarrafna l-Mulej." (2:15) Jiġifieri, l-Għid iġegħelna mmorru lura għall-Milied biex naqraw l-oriġini umana ta' Ġesù fid-dawl tal-fatt li hu l-Mulej rebbieħ fuq il-mewt. Mela l-Milied ma nistgħux nifhmuh mingħajr l-Għid.

Bħalma r-ragħajja ta' Betlehem wasslu l-aħbar tat-twelid tal-Messija, hekk ukoll ir-ragħajja tal-Knisja għandhom ixandru lil Kristu lill-oħrajn. Bħar-ragħajja ta' Betlehem, ir-ragħajja tal-Knisja għandhom ikunu foqra fl-ispirtu għax inkella l-predikazzjoni tagħhom ma tkunx effikaċi. Ta' min jinnota li fl-istorja tal-Knisja Alla dejjem inqeda bil-foqra u ċ-ċkejkna biex iwassal il-Kelma tiegħu. Min hu mkabbar bih innifsu ma jistax ikun qaddej t'Alla.

Hekk kif fil-Knisja qed niċċelebraw il-Ġublew tal-Ħniena, fil-quċċata tal-predikazzjoni tagħna għandu jkun hemm enfasi dejjem iżjed ċara dwar il-Ħniena t'Alla għalina li wasslitu biex jitwieled ċkejken tarbija fl-għar fqajjar ta' Betlehem biex imbagħad ibati u jmut għalina.

## It-tmien jum

## IL-KEWKBA U L-MAĠI: IL-ĦNIENA T'ALLA TRID TASAL LID-DINJA KOLLHA

*Riflessjoni minn Fr Trevor Sultana*

Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-Sultan Erodi, xi Maġi mil-Lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu: "Fejn hu dak li twieled Sultan tal-Lhud?"

Interessanti kif Mattew, l-Evanġelista li jikteb prinċipalment lil-Lhud, huwa l-uniku wieħed fost l-erba' Evanġelisti li jgħaddilna din il-ġrajja kurjuża ta' xi slaten, jew aħjar Maġi, ġejjin mil-Lvant, ġejjin minn postijiet mhux magħrufa fejn it-twemmin f'Alla ta' Iżrael ma kienx magħruf. Dawn il-Maġi, li l-Evanġelista Mattew ma jgħidilna xejn dwar in-numru tagħhom, kienu x'aktarx nies ta' kultura, studjużi ta' kull xorta ta' letteratura u saħansitra għandhom il-kapaċità li jaqraw is-sinjali li jagħtu l-kwiekeb (astroloġi). Kienu nies li kienu kontinwament fit-tfittxija tal-verità – tfittxija li kienet tant sinċiera li kienet lesta li tilqa' l-verità tiġi minn fejn tiġi, anke minn dak l-iċken post fost il-bliet ta' Ġuda – Betlehem.

Il-Maġi li jiġu mil-Lvant huma xbieha perfetta tal-bniedem fl-istat naturali tiegħu, ħieles mill-iskemi tar-reliġjon, li però qed ifittex sens f'ħajtu, qed ifittex il-verità tiegħu nnifsu u forsi anke dik ta' Alla. Interessanti kif Alla joħroġ jiltaqa' ma' dan it-tip ta' bniedem b'lingwaġġ li jifhmu – mhux l-Iskrittura jew xi liturġija solenni jew xi profeta – imma kewkba, sempliċi kewkba, biex biha jiġbed lil kulħadd. Il-ktieb tal-ħolqien, li l-kewkba qiegħda tirrappreżenta, isir il-mezz li bih Alla jilħaq lil kulħadd, lil kull bniedem ta' rieda tajba li qed ifittex sens f'ħajtu.

Anke l-Maġi mil-Lvant, li ħadd ma kien jafhom u li ma jissemmew qatt iktar fil-Vanġelu, anzi ma jissemmew fl-ebda Vanġelu ieħor, ġew b'xi mod avviċinati minn Alla biex jaraw il-wiċċ ta' dik it-tarbija, il-Bniedem-Alla, li fiha jidher il-wiċċ tal-Missier kollu ħniena lejn uliedu kollha, huma min huma, għamlu x'għamlu, ġejjin minn fejn ġejjin u sejrin fejn sejrin. Bħala Missier, Alla jrid jiġbor lil uliedu kollha; jixtieq jiġbidhom lejh biex idewwaqhom il-ħniena tiegħu.

Il-Maġi mil-lvant li jimxu wara l-kewkba jfakkruna f'dik il-verità kbira u sabiħa daqs kemm hu twil iż-żmien li ilna nħabbruha: li Alla hu għal kulħadd u mhux se jingħalaq f'kultura waħda, f'reliġjon waħda, f'persuna waħda jew f'xi sett ta' ideat. Alla jmur lil hinn minn dan kollu; huwa ikbar minn dawn kollha.

Kull bniedem, għax hu bniedem, hu miftuħ għall-Ħallieq tiegħu u l-Ħallieq tiegħu jfittxu biex idaħħlu sħab miegħu f'komunjoni dejjiema.

# It-tmien jum

# ERODI U L-INNOĊENTI MARTRI: META QALBNA TINGĦALAQ GĦALL-ĦNIENA T'ALLA

*Riflessjoni mid-Djaknu Massimo Buttigieg*

Fl-edizzjoni tiegħu tal-Vanġelu, l-Evanġelista Mattew hu l-unika wieħed li jagħtina r-rakkont taż-żjara tal-Maġi; li wara li jpoġġu l-interess tagħhom f'kewkba partikulari, jerħula fuq vjaġġ mil-Lvant u li jwassalhom fl-art tal-Ġudea, bil-għan li jsibu lis-Sultan tal-Lhud li kien għadu kif twieled, u li lilu l-kewkba kienet tindika. Din it-tfittxija għas-Sultan il-ġdid twassal lill-Maġi fuq l-għatba tal-palazz tas-Sultan Erodi, li wara li tkixxef minn għand il-Maġi dwar l-identità tas-Sultan il-ġdid, u wara li ħa l-parir tal-qassisin il-kbar u tal-kittieba, bagħat lill-Maġi ifittxu lis-Sultan f'Betlehem. Imma talabhom sabiex meta jsibuh, jgħarrfuh bil-post fejn ikun jgħammar sabiex huwa wkoll ikun jista' jagħtih il-qima tiegħu.

Imma għal Erodi l-aħbar tat-twelid ta' Sultan ġdid li kienu tawh il-Maġi kienet waħda allarmanti. Dan għaliex Erodi kellu ambizzjoni qawwija li jkabbar dejjem iżjed is-setgħa u l-glorja tiegħu u għalhekk fejn kien ixomm xi theddida għal din l-ambizzjoni, kien iqiegħed is-saħħa tiegħu kollha possibbli, saħansitra fit-tixrid tad-demm, mingħajr ebda skrupli ta' xejn. Tant hu hekk li fis-sena 7 Q.K. kien ordna l-qtil tat-tfal subien tiegħu Alexander u Aristobul, minħabba li ħass is-setgħa tiegħu mhedda, u fis-sena 4 Q.K. għall-istess raġuni kien warrab lit-tifel tiegħu Antipater.

Kienet ukoll minħabba din il-fissazzjoni u l-biżà li jitlef it-tron li wasslitu sabiex fl-assenza tar-ritorn tal-Maġi hu joħroġ ordni li permezz tagħha ġab il-qtil f'Betlehem u fil-viċinanzi tagħha tat-tfal subien minn sentejn 'l isfel. "Erodi mbagħad, meta ra li l-Maġi kienu daħku bih, inkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal sbien kollha ta' minn sentejn l-isfel, skont iż-żmien li sar jaf minngħand il-Maġi." (Mt 2,16). F'dan l-episodju wieħed jista' jsib reminixxenti tar-Rakkont tal-Eżodu, meta il-fargħun tal-Eġittu ordna l-qtil tat-tfal subien ta' nisel Lhudi, wara li nnota li l-poplu Lhudi kien qiegħed jiżdied fil-għadd u jikber fl-importanza u beża' minn theddida għal artu.

Dan l-episodju tal-qtil tal-Innoċenti ma nsibuh rrapurtat imkien għajr fil-Vanġelu skont San Mattew u fil-letteratura Kristjana ħafna drabi jużaw bħala sors il-Vanġelu. Ta' min jinnota wkoll li l-istoriku Lhudi Ġużeppi Flavju ma jsemmi xejn dwar il-ġrajja tal-qtil tal-Innoċenti fil-kitba storika tiegħu *'Antiquities of the Jews'*, u dan waqt li ma jonqosx milli

jsemmi diversi grajjiet dwar Erodi, inkluż il-qtil ta' uliedu. Għalhekk kienu diversi l-eseġeti tal-Iskrittura li ddubitaw mill-verità storika ta' din il-ġrajja.

Biss minkejja l-kwistjoni storika tal-ġrajja tal-qtil tal-Innoċenti, wieħed jista' jħares lejn il-kapitlu tnejn tal-Vanġelu skont San Mattew fid-dwal tal-imħabba u l-ħniena t'Alla. Hawn nistgħu ninnutaw il-kuntrast bejn il-Maġi u s-sultan Erodi, għax waqt li tal-ewwel użaw l-għodda li kellhom, jiġifieri l-astroloġija sabiex jaslu għand Kristu, Erodi pprova juża l-poter tiegħu sabiex jelimina lil Kristu.

U jien kif qed nuża d-doni li Alla żejjini bihom? Permezz tagħhom qed jirnexxieli niltaqa' ma' Kristu jew dawn qed iwassluni biex nagħlaq qalbi għall-imħabba u l-ħniena tiegħu?

F'din il-ġrajja Erodi jidher ukoll bħala bniedem b'qalb iebsa, li jagħlaq għajnejh għat-tbatija u widnejh għall-karba li kienet ħierġa mill-qalb feruta. U jien quddiem it-tbatija ta' ħuti kif qed inġib ruħi? Bl-azzjonijiet tiegħi qed jirnexxili indewwaq lil ħija, li qed ibati, il-ħniena u l-imħabba ta' Kristu?

# NOVENA TAL-MILIED: L-ISTENNIJA

*Imħejjija mill-parroċċa tan-Nadur*

## 1. **STENNEWH IL-ĦŻIENA. JISTENNIH KULĦADD** Mt 21, 28-32

Il-Vanġelu tallum jgħidilna li l-pubblikani u n-nisa żienja semgħu lil Ġwanni u emmnu f'Ġesù. U Alla ħa gost b'dan. Nistgħu ngħidu li n-nies li għandhom it-toqol tad-dnub, xorta waħda jistgħu jistennew lil Ġesù biex jiġi fil-qalb tagħhom ukoll.

Fl-imgħoddi missirijietna kienu jaduraw allat oħrajn. Kienu jagħtu qima lil dawn l-allat fit-tempji, bħal ma huwa dak tal-Ġgantija. Issa mill-Bibbja nafu wkoll li meta San Pawl ġie fostna, il-Maltin laqgħu lil Pawlu bil-qalb u bdew jagħtu qima lil Ġesù.

*Hawnhekk tista' ssir il-play* ***L-iskarpan*** *ta' Leo Tolstoy*

## 2. **ĠWANNI L-BATTISTA JISTENNA!** Lq 7, 18b-23

Ġwanni staqsa: "Inti dak li għandu jiġi jew nistennew ieħor?" Forsi għal mument Ġwanni ma kienx ċert dwar jekk il-kuġin tiegħu kienx tassew il-Messija. Imma xħin induna li Ġesù kien tassew il-Messija, kien jibgħat lin-nies għand Ġesù.

Ġwanni rnexxielu jagħraf lil Ġesù għax kien umli. Ġwanni qal: "Jeħtieġ li jien niċkien". Ġwanni qal ukoll li hu lanqas kien jistħoqqlu jaqfel il-lazz tas-sandli ta' Ġesù.

## 3. **STENNEWH FL-IMGĦODDI** Mt 1, 1-17

Lil Ġesù kienu jistennewh ħafna nies fl-imgħoddi. Ma kinux jafu x'kien se jkun ismu. Imma kienu jgħidu li għandu jitwieled Messija, li jġib il-ħelsien lill-poplu ta' Iżrael. Sa minn żmien il-profeta Isaija kienu jistennew xi ħadd kbir li jkun prinċep tas-sliem, dak li jdewwi l-feriti u jfejjaq lin-nies.

In-nies tal-imgħoddi ma stennewx għal xejn. U lanqas aħna ma aħna se nistennew għal xejn. Għax Ġesù ġie meta twieled minn Marija, se jerġa' jiġi fl-aħħar taż-żmien u jiġi kuljum fil-qalb tagħna meta nitolbuh.

4. **STENNEWH ĠUŻEPPI U MARIJA** Mt 1, 18-25

Ġużeppi kien jinsab imħasseb għax Marija kien se jkollha tarbija qabel ma kienet iżżewġet. San Ġużepp kien iddeċieda li lil Marija ma jkellimhiex iktar. Imma mbagħad l-anġlu qallu biex jistenna t-twelid ta' Ġesù għax "hu mill-Ispirtu s-Santu". Imbagħad Ġużeppi baqa' jieħu ħsieb Marija u akkumpanja lilha u lit-tifel sa ma miet.

5. **STENNEWH IL-QRABA TIEGĦU** Lq 1, 5-25

Eliżabetta u Żakkarija u Marija kienu jiġu minn xulxin. Marija marret għand Eliżabetta biex tgħinha sakemm ikollha t-tarbija tagħha li mbagħad sar il-famuż Ġwanni l-Għammiedi. Żakkarija u Eliżabetta kienu jafu li Marija kien se jkollha Iben. Min jaf kemm stennew. Min jaf kemm għamlu kuraġġ lil Marija. Forsi Eliżabetta lil Marija għamlitilha xi ħwejjeg għal Ġesù wkoll.

Aħna wkoll għandna nanniet li jistennew bil-ħerqa meta tkun se titwieled xi nepputija jew nepputi.

6. **JISTENNEW IL-ĠNUS KOLLHA** Mikea 5, 1-4a

Illum hawn ħafna ġlied fid-dinja. Mhux kulħadd iħobb lil Ġesù. U ma jħobbuhx għax ma jafuhx. Hemm dawk li jinsabu barra mill-Knisja, li jgħidu li lil Ġesù jobogħduh u għalhekk ma jħobbux lill-Insara. Hemm ġnus li kienu jħobbu lil Ġesù imma llum donnhom jinsabu reqdin. M'għadhomx iħossu mħabba u entużjażmu għal Ġesù.

Il-ġens Malti jħobb lil Ġesù. Fil-fatt il-kotra tan-nies tħejji għall-festa tat-twelid ta' Ġesù b'entużjażmu kbir. Importanti ħafna li nħejju l-qalb tagħna għaliH.

7. **JISTENNEWH IL-FAMILJI** Lq 1, 39-45

Eliżabetta kienet il-kuġina ta' Marija. Hija ferħet b'Marija meta din marret tgħinha. Il-familja tagħha stenniet it-twelid ta' Ġesù bil-ħerqa. Il-familji tagħna wkoll jistennew it-twelid ta' Ġesù.

*F'dan il jum tista' tinħadem l-isketch* ***San Nikola.***

8. **TISTENNIH IL-PARROĊĊA** Lq 1, 45-56

Il-Mulej huwa ħanin ma' dawk li jibżgħu minnu. Dan ifisser li Alla jħobb lil dawk li jirrispettawh . Il-parroċċa tagħna wkoll trid li tirrispetta lil Alla. Issa aħna nafu li Ġesù stess huwa Alla-Magħna. Mela aħna mhux biss nistennew it-twelid ta' Ġesù imma rridu ngħidulu biex jiġi fil-parroċċa tagħna, jiġi fil-familji tagħna, jiġi fid-dar tagħna, jiġi fil-Knisja tagħna, jiġi fil-qalb tal-ġenituri tagħna.

9. **WASAL!** Lq 1, 57-66

# APPENDIĊI GĦAN-NOVENA TAL-ISTENNIJA

***Nota:*** *Din in-novena tipprevedi tqassim ta'* stickers *marbutin mat-temi. Kopja ta' dawn issibuhom lejn l-aħħar tas-sussidju. Kopji diġitali jinkisbu mill-parroċċa tan-Nadur jew mill-uffiċċju katekistiku tad-djoċesi, permezz tal-email.*

**L-ISKARPAN: *Sketch qasir imsejjes fuq kitba ta' Leo Tolstoy***

*(Qegħdin lejliet il-Milied. Hemm barra jinstemgħu tfal jilagħbu u jifirħu. L-iskarpan Panov jarahom u jifraħ... il-ħsejjes imajnaw għax il-ġenituri jsejħu lit-tfal biex jidħlu d-dar.*)

**PANOV**: (*Nuċċali kbir, ħġieġ tond. Itella' stanjata kafe' fuq in-nar. Jintefa' f'siġġu jistrieħ. Jaqbad il-Bibbja kbira u jibda jaqra b'leħen għoli.*) Marija u Ġużeppi kienu għajjenin. U xħin waslu fir-raħal ta' Betlehem ħadd ma ried iżommhom għandu. (*Jagħlaq il-ktieb għal mument u jżomm sebgħu bħala bookmark.)* Kieku ġew hawnhekk kont nagħtihom ftit kafè u kont anke nsajrilhom xi ħaġa! U kont nagħti kutra lit-tarbija.
(*Jerġa' jiftaħ il-ktieb u jaqra.)* U mbagħad ġew is-slaten Maġi u offrewlu r-rigali. *(Iqum u jġib kaxxa żgħira.*) Jien skarpan u kont nagħti dan iż-żarbun li għamilt lit-tarbija.
*(Jintefa' fis-siġġu mill-ġdid u jorqod. Mużika. Jidħol Ġesù u jkellmu fil-ħolm.)*

**ĠESÙ**: Panov, inti llum xtaqt li tarani. Mela kun af u oqgħod attent għax għada Jum il-Milied u se niġi nżurek.

**PANOV**: *(Iqum bil-mod jitmattar, itella' saqajh, jgħawweġ idejh)* Ajma x'ħolma kelli! Ħlomt li llum se jiġi jarani Ġesù. Kieku sew! *(Iqiegħed il-kafè fuq in-nar. Jittawwal lejn it-triq mit-tieqa u jara kennies.)*

**PANOV**: Ejja, idħol, toqgħodx fil-ksieħ. Idħol ħu ftit kafè.

**KENNIES**: *(Filwaqt li jsaħħan idejh madwar it-tazza tal-kafe' u jixrob.*) Donnok kont qed tistenna lil xi ħadd ġej!

**PANOV**: Kieku taf. Dal-lejl ħlomt li Ġesù se jiġi jarani llum, jum il-Milied. Imma l-ħolm ħolm.

**KENNIES**: Se jkolli nħallik. Għadni rrid niknes it-triq. Imma nispera li l-ħolma tiegħek isseħħ tassew.

**PANOV**: Ħalli nsajjar ftit soppa tal-piżelli u l-*bacon,* tajba għal nofs in-nhar.

*(Iħabbat il-bieb u tidħol mara b'tarbija.)*

**MARA**: Nirringrazzjak li ħallejtni nidħol.

**PANOV**: Agħti ftit ħalib lil din it-tarbija. Ħu ftit soppa għalik. It-tarbija għandha saqajha keshin. Ħa, libbisha daż-żarbun.

**MARA**: M'għandix x'nagħti lil ibni. Se nivvjaġġa għal raħal ieħor biex forsi nsib xogħol.

**PANOV**: Dan iż-żarbun kont lestejtu għal Ġesù. Ħlomt li se jiġi jżurni.

**MARA:** Ma nafx kif se nirringrazzjak, kemm inti ġentili.

**PANOV**: *(Wara li l-mara toħroġ.)* Ġesù ma ġiex.

*(Ħsejjes u dawl. Jidħol Ġesù.)*

**ĠESÙ**: Panov, illum jien ġejt fid-dar tiegħek. Illum inti tajtni l-kafe', kont bil-ġuħ u tajtni s-soppa, kont ħafi u tajtni żarbun.

**PANOV**: Stennejt, u stennejt. Ma stennejtx għalxejn għax Ġesù ġie tassew.

-------------------------------------------

**<u>SAN NIKOLA</u>**

**TIFLA 1**: Pa, kemm għandna xortina ħażina. La għandna biex nistudjaw, u issa oħti l-kbira m'għandhiex biex tagħmel il-festa tat-tieġ.

**TIFLA 2**: Tgħidx hekk, il-Bambin jipprovdi.

*(Il-missier jersaq fejn it-tieqa. F'daqqa waħda tintefa' borża flus għal ġon-nofs.)*

**MISSIER:** Ara x'kull waħda, portmoni mimli bid-deheb! Dan min bagħatulna? *(It-tfal iduru madwar missierhom.)*

**TIFLA3:** Forsi xi darba jkollna flus biżżejjed biex tiżżewweġ oħti tan-nofs. Il-Bambin huwa ħanin ħafna magħna. *(Tintefa' għal ġon-nofs it-tieni borża. Il-Missier jitlaq jiġri u jaħkem lil San Nikola.)*

**MISSIER:** Mela inti kont li tfajt dawn il-boroż bid-deheb!

**SAN NIKOLA:** Ħallini mmur, għax jien ma ridtx nuri min jien lilkom.

**TIFLA 1:** Isqof Nikola, aħna issa nibqgħu nafuk bħala l-qaddis ta' qalb kbira.

**TIFLA 3:** Inti bniedem ta' karità kbira.

**TIFLA 2:** F'dan il-Milied niftakru li l-iktar bnedmin ferħanin huma dawk li jagħmlu l-karità.

# NOVENA TAL-MILIED MAL-KARATTRI LEĠĠENDARJI

**Ma' karattri leġġendarji, inħejju ruħna għat-twelid ta' Ġesù**

*Imħejjija minn Fr Anthony Bajada*

1. **Għaliex m'emmintux? ĠESÙ SE JITWIELED DALWAQT. INKUNU LESTI U NISHRU.**
   *Karattru leġġendarju: Befana*

Jekk inkunu nafu li ġej xi ħadd id-dar tagħna aħna nippreparaw ruħna. Naraw li nkunu lesti biex xħin jiġi jsibna lesti ħalli nilqgħuh u nkomplu miegħu. Għalhekk noqogħdu nistennew lil din il-persuna sabiex tiġi.

Li tishar ifisser li tistenna, li tkun lest. Kien hemm ħafna persuni li kienu lesti jistennew lil Ġesù jitwieled imma kien hemm ukoll oħrajn li ma ħejjewx ruħhom. Fosthom kien hemm il-befana, li qagħdet titlajja, u tilfet l-opportunità li tiltaqa' ma' Ġesù.

Aħna x'ser nagħmlu? Kif se nġibu ruħna? Se nkunu lesti għal meta jiġi Ġesù jew se nagħmlu bħall-Befana nibqgħu bħallikieku ma ġara xejn?

2. **Rajtu dawn il-ħwejjeġ imma m'emmintux? ALLA SAR BNIEDEM: NAFFAXXINAW RUĦNA U NEMMNU.**
   *Karattru leġġendarju: L-Għaġeb tal-Presepju*

*Għaddew elfejn sena minn meta l-Iben t'Alla sar bniedem u għammar fostna. Ħadd minna ma kien preżenti għal dak l-avveniment tant kbir. Nistgħu ngħixu u nagħmlu esperjenza tal-miġja ta' Ġesù biss jekk ikollna l-fidi. Mingħajr fidi ma nistgħux nilqgħu lil Ġesù f'dan il-Milied. Mingħajr fidi l-festa tal-Milied tispiċċa storja ħelwa li nieħdu pjaċir nisimgħu imma tibqa' biss ħrafa.*

*Il-fidi tfisser li temmen li Kristu sar tassew bniedem bħalna. X'inhu li jgħinna nemmnu fi Kristu? Hija l-Kelma ta' Alla, li bħal musbieħ tmexxina u tgħinna nistagħġbu quddiem Alla li sar bniedem.*

3. **O Għerf tal-Għoli, ejja ħalli tgħallimna l-veru għerf! ALLA HUWA IMĦABBA. INĦOBBU LIL XULXIN KIF ĦABBNA HU.**
   *Karattru leġġendarju: Ir-raba' re, Artaban*

Kristu ġie fid-dinja biex idewwaqna l-imħabba kbira li Alla għandu għal kull wieħed u waħda minna. Din l-imħabba li Alla tana ma nistgħux inżommuha għalina, altrimenti tmut. Biex tgħix din l-imħabba jeħtieġ li naqsmuha mal-proxxmu tagħna.

L-istedina li qed jagħmlilna Kristu, li ta lilu nnifsu għalina, hija waħda: dik li nħobbu lil xulxin kif ħabbna hu għax kulma nagħmlu mal-iżgħar fost ħutna nkunu qed nagħmluh miegħu. Ġesù jinsab fil-proxxmu tagħna. Mela, jekk inħobbu lill-proxxmu nkunu nħobbu lil Ġesù, u jekk inwarrbu lill-proxxmu, ma nkunu nwarrbu lil ħadd ħlief lil Kristu.

L-imħabba tidher fil-ġesti konkreti u sempliċi tal-ħajja ta' kuljum xħin naqsmu dak li għandna mal-oħrajn.

**4. Tibżax tieħu lil Marija b'martek.** **FUQ IS-SALIB ĠESÙ WRIENA L-IMĦABBA VERA. L-IMĦABBA VERA TIDHER FIS-SAGRIFIĊĊJU.**

*Karattru leġġendarju: l-għasfur ta' sidru aħmar*

Ġesù, biex jurina kemm iħobbna kien lest li jagħmel l-akbar sagrifiċċji. Twieled fit-tbatija, kien ippersegwitat, u aċċetta li jmut mewta kerha. Ma beżax mis-sagrifiċċju: l-importanti għalih kien li jurina li Alla jħobbna. U biex jurina dan kien lest li jagħmel kollox.

Is-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq il-kalvarju, meta ta ħajtu għalina, għadna ngħixuh kull darba li nieħdu sehem fil-Quddiesa.

Fejn hemm il-biża' ma hemmx vera mħabba, imma fejn hemm l-imħabba, anke jekk wieħed jeħtieġ li jagħmel sagrifiċċji kbar, dawn ma jaqtgħulux qalbu. Aktar ma hemm sagrifiċċju u tbatija, aktar tidher ċara l-imħabba.

5. **Se jkollok ferħ u ħafna jifirħu minħabba fih.** **L-IKBAR RIGAL LI ALLA TANA DEHER F'IBNU. NILQGĦU BIL-FERĦ ID-DONI LI ALLA JAGĦTINA.**

*Karattru leġġendarju: il-veru Santa Klaws*

Biex nuru lil xi ħadd li nħobbuh nagħtuh ir-rigali. Li tagħti rigal ifisser li qed tagħti xi ħaġa minn dak li hu tiegħek. Meta tagħti rigal lil dik il-persuna li tirċevih tkun qed tgħidilha: 'Int għażiża għalija'.

Alla, biex jurina kemm iħobbna tana diversi doni: tana d-don tal-ħajja, id-don tal-imħabba, id-don tal-ferħ. L-ikbar rigal li Alla tana jismu Ġesù.

Meta xi ħadd jagħtina rigal nuruh l-apprezzament tagħna. Għalhekk huwa importanti li lil Alla nirringrazzjawh għal tant doni li tana u li għadu jagħtina.

6. **Il-mara kien jisimha Marija.** **ALLA TANT IĦOBBNA LI JAFNA LKOLL: AĦNA SPEĊJALI GĦALIH. INFITTXU LI NSIRU NAFUH F'IBNU.**

*Karattru leġġendarju: il-ħarufa s-sewda.*

Ħadd minna mhu l-istess u lkoll kemm aħna għandna talenti differenti. Ladarba ninsabu fid-dinja Alla għandu pjan/proġett għalina. F'għajnejn Alla kulħadd huwa importanti u kulħadd huwa msejjaħ sabiex jissieħeb m'Alla fit-tisbiħ u t-titjib tad-dinja. Għalhekk jeħtieġ li nagħrfu x'inhi l-missjoni li Alla qed jafdalna f'idejna.

Jekk Alla jafna b'isimna, *inside out*, u qed jagħtina l-missjoni partikulari tagħna, jeħtieġ li anke aħna nkunu nafuh. Alla tana ċ-ċans li nsiru nafuh permezz tal-Iskrittura u billi bagħtilna lil Ibnu.

7. **Hawn jiena l-qaddejja tal-Mulej.** **IL-KOBOR TA' ALLA JINSAB FL-UMILTÀ TIEGĦU. L-UMILTÀ TGĦINNA NIXBHU LIL KRISTU.**

*Karattru leġġendarju: il-ħmara*

'Ġesù li kien Alla ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, imma tneżża' minn kollox billi ħa n-natura ta' lsir u sar jixbah lill-bniedem'. L-umiltà hija waħda mill-faċċati tal-imħabba. Li tkun umli jfisser li tibqa' saqajk mal-art: *humus*. Min irid ikun ħabib ta' Kristu irid ikun kapaċi jumilja ruħu u jaqdi lill-proxxmu tiegħu.

Il-bniedem supperv ma jista' qatt jagħraf lil Alla, għax dan dejjem jara lill-oħrajn iċken minnu, għalhekk ħarstu hija dejjem 'l isfel. U jekk tħares 'l isfel ma tistax tara x'hemm 'il fuq minnek. Imma l-umli jasal li jagħraf lil Alla, għax ħarstu hija dejjem 'il fuq.

8. **Għax ftakar fil-ħniena tiegħu.** **L-IMĦABBA T'ALLA TIDHER FIL-MAĦFRA LI JAGĦTINA. JEKK ALLA JAĦFRILNA ANKE AĦNA RRIDU NAĦFRU LIL MIN HU ĦATI GĦALINA.**

*Karattru leġġendarju: It-tifel tat-tambur*

Il-vera imħabba ma tistax teskludi l-maħfra. Alla tant ħabb lill-bniedem li bagħat lil Ibnu fid-dinja mhux biex jiġġidikaha, imma biex permezz tiegħu hija ssalva – biex jagħtiha l-maħfra u l-fejqan. Kieku Alla tagħna mhuwiex Alla li jaħfer kieku għal ħadd minna ma jkun hemm salvazzjoni. Imma għax hu Alla li jaħfer, għalina lkoll hemm il-ħelsien.

Xi jfisser taħfer? Ifisser tkun kapaċi tħobb persuna minkejja li din weġġgħetek. Li lil dik il-persuna tkun kapaċi tibqa' taraha bħala xbiha t'Alla. Meta l-bniedem iżomm f'qalbu ma jkollux paċi imma meta l-bniedem jaħfer isib il-libertà u b'hekk jagħti ċ-ċans lill-imħabba sabiex tirbaħ fuq il-mibgħeda.

## 9. Ejja u salvana Mulej Alla tagħna. IL-MULEJ WASAL. QALBNA HIJA LESTA.

*Maġi – Ragħajja – Sagra Familja*

Matul dawn il-ġranet aħna għamilna minn kollox biex inħejju l-qalb tagħna għal Ġesù Bambin. Issa wasal il-mument li nilqgħu lil Ġesù, is-Salvatur u l-Profeta, il-Ħobż ħaj u l-Prinċep tas-Sliem.

Il-mixja tagħna waslet fi tmiemha. Il-persuni li ltqajna magħhom tul dawn il-ġranet tal-Milied għallmuna kif għandna nħejju ruħna għal meta jitwieled Ġesù. Il-Vanġelu jsemmi diversi persuni li ltaqgħu b'mod dirett ma' Ġesù tarbija u din il-laqgħa biddlitilhom qalbhom għax imtlew b'ferħ kbir.

Il-festa tal-Milied waslet fil-qrib. Dan iġib ferħ kbir: Ġesù qed jifraħ li ser jitwieled f'post li jixraqlu; u aħna qed nifirħu li Hu għażel li jitwieled għandna.

Ejjew nirringrazzjaw lil Alla talli bagħat fostna lil Ibnu biex aħna nkunu nistgħu nsiru wlied Alla. Ejjew nirringrazzjawh talli bagħat fostna lil Ġesù fqir, biex aħna nkunu nistgħu nsiru għonja u henjin.

# APPENDIĊI GĦAN-NOVENA U L-KARATTRI LEĠĠENDARJI

## BEFANA

**Saċerdot**: Ħa naraw lil min għandna magħna llum għal din in-novena?

*Tibda dieħla il-Befana. Mara bi xkupa f'idejja u b'duster.*

**Saċerdot:** Int min inti?

**Befana:** Jiena jisimni Befana, bagħtu għalija għax jien waħda mill-karattri li sejra nagħtikom tagħlima f'dawn il-ġranet tan-novena... jien għamilt żball u se tieħdu tagħlima mill-iżball li jien għamilt.

*Befana tibda tiknes u tfarfar waqt li jibda għaddej kummentarju għall-mima.*

**Kummentatur**: Befana kienet mara anzjana. Kienet toqgħod weħidha. Din il-mara kellha problema: kienet iffissata fit-tindif. Il-ħin kollu tnaddaf u tfarfar u taħsel u terġa' tnaddaf u taħsel u fuq kollox tiknes. Kienet nadifa xummiema. Mhux id-dar biss kienet tnaddaf, imma anke l-għatba u l-bankina tat-triq.

*Jibdew joqorbu l-Maġi.*

**Kummentatur**: Għodwa waħda, waqt li kienet qegħda tnaddaf semgħet taħbita fuq il-bieb ta' barra. Bum Bum, u kif fetħet il-bieb quddiemha sabet tliet irġiel. Kienu jidhru għajjenin.

*Jidħlu t-tliet Maġi.*

**Befana:** Intom min intom?

**Magi 1:** Jien Melchoir,

**Maġi 2:** Jien Balthazzar,

**Maġi 3:** U jien Caspar. Aħna tliet slaten Maġi.

**Befana:** X'għandkom bżonn?

**Maġi 1:** Post fejn noqogħdu nistrieħu ftit matul il-jum, ħalli llejla nerġgħu nibdew nivvjaġġaw... ilna ħafna nivvjaġġaw u issa nħossuna għajjenin.

*Joqgħodu bilqegħda u Befana tagħtihom ftit x'jixorbu, u joqogħdu jistrieħu. Befana tkompli tfarfar.*

**Kummentatur***:* X'taħsbu li għamlet Befana, tfal? Befana reġgħet qabdet l-ixkupa u qagħdet tnaddaf. Imma waqt li kienet tnaddaf bdiet tiġiha l-kurżità.

Min setgħu kienu dawn it-tlieta min-nies? U minn fejn kienu ġejjin? Għalhekk rabbiet il-kuraġġ u staqsiethom:

**Befana**: Intom minn fejn intom u fejn sejrin?

**Maġi 3**: Aħna għorrief li ġejjin mill-bogħod.

**Maġi 1:** Ħa mmorru naduraw lill-Messija li għadu kif twieled. Issa qed jidlam u nistgħu nerġgħu nitilqu nivvjaġġaw.

**Maġi 2:** Peress li kont qalbek tajba magħna nixtiequ nistednuk tiġi magħna ħdejn dan is-sultan li twieled.

**Kummentatur:** Tistgħu taħsbu Befana kemm ħadet pjaċir li kienu għamlulha din l-istedina sabiex tiltaqa' mal-Messija. Imma mbagħad bdiet tħares lejn l-ixkupa... u x'taħsbu li rrispondiethom? Ħa naraw.

**Befana:** Grazzi ħafna tal-istedina tant sabiħa li qed tagħmluli. Xtaqt kieku niġi, imma sfortunatament ikolli nibqa' d-dar innaddaf.

**Kummentatur:** Allura t-tliet irġiel sellmulha u telqet biex tkompli l-vjaġġ.

*Il-Maġi jitilqu, waqt li Befana terġa' tibda tiknes, u wara tidħol torqod.*

**Kummentatur**: Befana daħlet torqod imma dak il-lejl kellha ħafna ħolm. Ħolmot bit-tliet Maġi mexjin wara l-kewkba u jaraw lis-sultan tas-slaten, u dan is-sultan stenna li jara lilha wkoll magħhom biex tmur tagħtih qima. Filgħodu qamet u għamlet deċiżjoni. Iddeċidiet li tmur tfittex lill-Maġi, ħalli magħhom tmur tara lill-Messija. F'id waħda qabdet qoffa, imlietha bil-ħelu u bil-ġugarelli sabiex tagħti rigal lil Ġesù Bambin u fl-oħra qabdet l-ixkupa u telqet tfittex lill-Messija li twieled.

*Hawnhekk Befana taqbad il-qoffa u l-ixkupa u titlaq minn ġol-korsija.*

**Kummentatur**: Għalxejn għaġġlet Befana biex tfittex lill-Maġi, għax ma sabithomx. Fittxet ukoll lil dak il-Messija li twieled imma xħin waslet ġol-għar ma sabitux. Għalhekk Befana għadha sallum tfittex u kull fejn tgħaddi tistaqsi lin-nies jekk rawx lill-Messija li twieled. Kull sena, lejlet il-festa tal-Epifanija, din il-mara toħroġ iddur f'xi pajjiżi u tqassam ir-rigali lit-tfal li jkunu qagħdu bravi, bit-tama li fost dawk it-tfal ikun hemm iċ-ċkejken Ġesù Bambin.

------------------

## L-GĦAĠEB TAL-PRESEPJU

**Saċerdot:** Tgħid min għandna magħna llum... Dan li ġej tafu min? (*jersaq Bastjan*). Inti min inti?

**Bastjan:** Jien jisimni Bastjan u jien wieħed mill-pasturi li ħafna minnkom tpoġġu fil-presepju tagħkom.

**Saċerdot:** Tfal tafu liema pastur huwa dan? (jirrispondu).

**Bastjan:** Jiena dak il-pastur li ssejħulu l-**għaġeb tal-presepju**!

**Saċerdot:** Bastjan, għidilna ftit għaliex isejħulek l-għaġeb tal-presepju? Is-soltu meta lil xi ħadd ngħidulu 'għaġeb' inkunu qegħdin ngħajjruh... int meta jgħidulek l-għaġeb tal-presepju tieħu għalik?

**Bastjan:** Lanqas xejn! Mela ħalli ngħidilkom għaliex lili tawni dan it-titlu... Jien kont ngħix Għawdex ħafna snin ilu. Kont naħdem għand mara barunessa, li kellha ħafna nagħaġ, u jien flimkien ma' sħabi konna noħorġu nirgħu n-nagħaġ fl-għelieqi.

Din il-barunessa – donna Elena – kienet tħobbna ħafna u fil-festi kienet dejjem tagħmlilna ikla kbira.

**Saċerdot:** Anke fil-Milied?

**Bastjan:** Iva, fil-Milied kienet tagħmel festa minn dawk il-kbar. Fid-dar tagħha, għal din il-festa kienet tarma Bambin sabiħ tax-xama' u ħdejh kienet tpoġġi żewġt iħrief tax-xama' wkoll. Sħabi r-ragħajja l-oħra kienu jieħdu pjaċir jarawh u qabel nieklu kienu jmorru jitolbu u jkantaw quddiemu. Jien ftit li xejn kien jimpurtani.

**Saċerdot:** Għalfejn? Int ma temminx f'Ġesù?

**Bastjan:** Ifhem f'dak iż-żmien ma tantx kont nemmen. Fil-fatt dak il-Milied lil Donna Elena kont għidtilha li jien ma kontx nemmen li xi darba Ġesù kien tad-demm u l-laħam bħalna. Kont għidtilha: Donna Elena, jien nibda nemmen li Ġesù sar bniedem, jekk dal-Bambin tiegħek jibgħat iż-żewġt iħrief li hemm maġenbu man-nagħaġ tiegħi.

**Saċerdot:** Int daqsxejn diffiċli Bastjan... biex temmen trid tara.

**Bastjan:** Kien lejlet il-Milied, u kont qed nirgħa n-nagħaġ. F'ħin bla waqt bdiet ħafna xita u jien bdejt infittex kenn għalija u għall-għaxar nagħġiet li kelli miegħi. Kien hemm kappella ċkejkna u kelli nidħol nistkenn fiha, jien u n-nagħġiet tiegħi. Fuq l-artal kien hemm Bambin sabiħ tax-xama' bħal dak ta' Donna Elena, b'żewġt iħrief ħdejh.

**Saċerdot:** Anzi sibt dik il-kappella... u stkennejt.

**Bastjan:** Tant kienet kennija u tant kien hemm kwiet u paċi li rqadt... imma f'ħin bla waqt qomt b'ħasda.

**Saċerdot:** Xi ġralek mela?

**Bastjan:** Faqqgħet bħal sajjetta u l-knisja mtliet bin-nar qisha ħuġġieġa. Jien bżajt u ħrabt niġri 'l barra flimkien man-nagħġiet. Wara kollox Donna Elena kienet tistennini. Wasalt id-dar u sibt lil Elena tistennieni fil-bieb. Bħas-soltu, qabel daħħalt lin-nagħġiet fil-maqjel talbitni ngħodd in-nagħaġ... u ħaġa tal-iskantament għoddejthom u flok għaxra nsib li kelli tnax. Erġajt għoddejthom u sibt l-istess... 8, 9, 10, 11, 12. Ħsibtni qed noħlom, u dak il-ħin moħħi għamel tikk...

**Saċerdot:** Għalfejn?

**Bastjan:** Għax ftakart f'dak il-Bambin tax-xama' li kien hemm fuq l-altar ta' dik il-kappella u dawk iż-żewġt iħrief. U ftakart x'kont għidtilha lil Donna Elena: li nibda nemmen f'Ġesù jekk jibgħatli dawk iż-żewġt iħrief li kellu ħdejh.

Għalhekk ġbart in-nagħaġ fil-maqjel u ħrabt niġri lejn dik il-kappella. Il-bieb kien miftuħ beraħ u ndunajt li kien hemm xi ħaġa differenti fuq l-altar...

**Saċerdot:** X'kien hemm differenti, Bastjan?

**Bastjan:** Dawk iż-żewġt iħrief ma kinux għadhom hemm. U fuq l-altar il-Bambin ma kienx għadu tax-aema' imma kien hemm tarbija ta' vera, tarbija sabiħa, kollha dawl!

**Saċerdot:** Min kienet dik it-tarbija?

**Bastjan:** Tista' taħseb min kienet dik it-tarbija! Ġesù Bambin. Jien dak il-ħin stess inżilt għarkopptejja u bdejt nibki bil-ferħ u bdejt ngħajjat: Ġesù jien nemmen, nemmen li int sirt bniedem bħalna... Dak il-ħin daħlu sħabi r-ragħajja l-oħra u xħin raw hekk anke huma niżlu jaduraw lill-Bambin. Imbagħad telqu u qalu lil kulħadd b'dak li konna rajna.

**Saċerdot:** Naħseb li dak kien l-isbaħ Vġili tal-Milied li qatt kellek?

**Bastjan:** Daż-żgur. L-għada kien il-Milied. U waqt li konna għall-ikel Donna Elena qamet u qaltli: 'Qed tara Bastjan, kif Ġesù Bambin huwa vera tal-laħam... u biex kulħadd jibqa' jiftakar b'dak li ġralek, fil-presepju tiegħi se npoġġi pastur li juri dak li kont int ilbieraħ: Bastjan quddiem it-tarbija, jistagħġeb. U dan il-pastur se nsemmih l-għaġeb tal-presepju.

Tfal meta tkunu tarmaw il-presepju araw li tpoġġu l-pastur tiegħi, u ftakru f'din l-istorja... Emmnu li Ġesù sar bniedem bħalna u għammar fostna!!

----------------

# INTERVISTA MAR-RE ARTABAN

**Saċerdot:** Min hu dan ir-raġel? *(It-tfal jirrispondu)* Int żgur wieħed mit-3 Maġi li marru jagħtu r-rigali lil Ġesù fil-grotta ta' Betlehem! Ħa naraw liema wieħed minnhom huwa: Int Kaspar? Melchiorre? Baltazzar?

**Artaban:** Ma jien l-ebda wieħed minn dawn it-tlieta; jien Maġu ieħor.

**Saċerdot:** Kif jista' jkun? Mhux tlieta kienu l-Maġi?! Intom x'taħsbu tfal?

**Artaban:** Għandek raġun tgħidli hekk. Il-leġġenda tiegħi ftit jafuha.

**Saċerdot:** Mela tridx tirrakkontahielna ħalli nsiru nafu min int?

**Artaban:** Meta twieled il-Messija dehret kewkba speċjali. Jien kont nistudja l-kwiekeb u ndunajt li dik il-kewkba kenet turi li kien twieled il-Messija. Kien hemm tliet Maġi oħra li kienu se jimxu wara l-kewkba għalhekk ftehemna li niltaqgħu flimkien ħalli fil-vjaġġ ma nkunux weħidna. Iddeċidejna li noħdulu rigal.

**Saċerdot:** Int x'ħadtlu?

**Artaban:** Jien ippreparajat tliet ġawhriet sbieħ: Żaffira blu, Rubina Ħamra, u Perla bajda.

**Saċerdot:** Għaliex ma mortx mat-tliet Maġi l-oħra għand Ġesù?

**Artaban:** Xħin waslet il-ġurnata biex immorru flimkien Betlehem, qbadt il-ġemel tiegħi u tlaqt biex niltaqa' mal-Maġi. Imma kif tlaqt iltqajt ma' raġel xwejjaħ, marid, u kien qiegħed imut. Kont se nibqa' sejjer, imma ħassejt f'qalbi li m'għandix inħallih hemmhekk mal-art. Għalhekk waqaft ngħinu. Ħadtu għand tabib, xtrajtlu l-mediċina biex ifiq u xtrajtlu l-ikel. Xtrajtlu ftit ħwejjeġ ħoxnin għax kien qed iterter bil-ksieħ. Biex xtajtlu dan kollu kelli nuża waħda mill-ġawhar.

**Saċerdot:** Kien baqagħlek żewġ ġawhriet oħra.

**Artaban:** Billi domt ma wasalt, il-Maġi oħra telqu, għax ħasbu li ma kontx sejjer. Għalkemm waħdi xorta ddeċidejt li għandi mmur infittex lill-Messija. Imxejt wara l-kewkba u wasalt Betlehem. Billi kien bil-lejl iddeċidejt li nistenna sa xħin jisbaħ għalhekk ħabbatt l-ewwel dar li sibt u tlabt lil dik il-familja biex norqod għandha. Dawn laqgħuni. Wara ftit smajna il-ħoss tas-suldati. Ir-Re Erodi kien bagħat joqtol lit-tfal minn sentejn 'l isfel għax ried joqtol lill-Messija. F'ħin bla waqt ħabbat il-bieb tad-dar u daħal suldat.

**Saċerdot:** X'ġie jagħmel?

**Artaban:** Ġie biex joqtol lit-tarbija li kellhom dawk in-nies. Il-mara bdiet tibki għax kienet taf x'ġej. Jien qbiżt minnufih u lil dak is-suldat għidtlu: jekk tħalli lill-

*baby* jgħix nagħtik xi ħaġa prezzjuża. Ħriġt it-tieni ġawhra li kelli: dik ħamra, u offrejthielu. Lis-suldat għoġbitu, u ħadha u telaq ’il barra. Il-baby kien meħlus.

L-għada wasalt fil-grotta, u kien hemm mara xwejħa li qaltli li Marija u Ġużeppi kienu ħarbu lejn l-Eġittu għax kienu jafu li Erodi ried joqtol lil Ġesù.

**Saċerdot:** Min jaf kemm iddispjaċik?

**Artaban:** Kont iddispjaċut għax telqu, imma kuntent għax kont naf li Ġesù kien għadu ħaj. Jien iddeċidejt li nibqa’ nfittex lil Ġesù.

Għaddew tlieta u tletin sena. Kont bdejt nixjieħ imma ma waqaftx infittxu. Darba kont Ġerusalemm u smajt lil xi nies jgħidu li lil Ġesù kienu se jsallbuh. Ħsibt li wasal il-mument li niltaqa’ miegħu u nagħtih dik l-aħħar perla. Kien hemm tfajla li kienu se jbigħuha bħala lsira. Kienet qed tibki għax riedet lil xi ħadd isalvaha. Għalhekk jien qbadt l-aħħar perla li kelli u biha ħlist lil dik it-tfajla.

**Saċerdot:** Il-ġawhar kollha kienu spiċċawlek!

**Artaban:** Iva, u l-iskop ta’ ħajti kien spiċċa għax lill-Messija żgur ma kontx se narah. Imma f’daqqa waħda nara ċorma nies miexja wara raġel li kien qed iġorr salib. *‘Dak il-Messija’* qaltli t-tfajla li kont salvajt. Għamilt il-qalb u ddeċidejt li nersaq lejh biex għallinqas inkellmu u nurih kemm xtaqt niltaqa’ miegħu. Iddeffist u wasalt ħdejh.

Għalkemm kien qed ibati, xħin rani tbissimli, bħal donnu kien ilu jafni żmien. Jien għidtlu: *Ġesù, aħfrili, xtaqt kieku baqagħli mqar ġawhra waħda ħalli neħilsek mis-salib imma l-ġawhar kollha li kelli għalik qassamthom lin-nies batuti.*

**Saċerdot:** Imbagħad x’ġara?

**Artaban:** Ġesù dar lejja u qalli: ‘*Artaban, dawk it-tliet ġawhar kollha lili tajthom. Ftakar li kulma għamiltu mal-iżgħar fost dawn ħuti, agħmiltuh miegħi*’.

----------------------

**L-ISTORJA TAL-GĦASFUR TA’ SIDRU AĦMAR (MIMA)**

Forsi ftit huma dawk li jafu li fil-grotta ta’ Betlehem fejn twieled Ġesù, flimkien mal-baqra u mal-ħmara *(jidħlu baqra u ħmara)* kien hemm ukoll annimal ieħor. Tgħid x’kien dan

l-annimal? *(jidħol il-pitirross).* Kien għasfur ċkejken li kien sar ħabib ma' dawk l-annimali u kien joqgħod qribhom biex ikollu l-kumpanija u l-wens. Peress li f'Betlehem matul il-lejl kien ikun il-ksieħ, dan l-għasfur ċkejken kien imur jistkenn ġewwa dak l-għar.

Filgħodu, kif kienet toħroġ ix-xemx, kien jitlaq minn ġol-grotta u kien joqgħod jittajjar u jimla' s-sema bl-għana sabiħ tiegħu. Imbagħad kien imur idur ġol-għelieqi sabiex isib xi ħaġa x'jiekol. Hekk kif ix-xemx kienet tibda nieżla, dan l-għasfur kien jirritorna lura fil-għar fejn kien isib lill-baqra u lill-ħmara jistennewh.

Lejla waħda rritorna lura lejna l-għar u wara li sellem lil ħbiebu l-annimali l-oħra daħal jorqod. Imma f'ħin bla waqt sema' ħoss mhux tas-soltu, ħoss ta' xi passi ta' nies. Ittawwal minn fejn kien u ra mara u raġel żgħażagħ deħlin ġewwa l-għar. *(Jibdew deħlin Marija u Ġużeppi. Marija jkollha l-Bambin moħbi... il-pitirross jgħaddi għall-ġenb biex jistaħba).* L-għasfur, xħin ra hekk beża' li dawn ġew biex jaqbduh imma ma tantx dam ma nduna li dawk in-nies ma kinux daħlu fl-għar biex jaqbduh imma biex anke huma jistkennu mill-ksieħ.

Wara ftit sema' ħoss ta' *baby* jibki u nduna li dik il-mara kien għadu kif kellha t-tarbija. Innota wkoll li dawk it-tnejn min-nies ma kinux xi nies sinjuri għax bilkemm kellhom ħrieqi xi jlibbsu lit-tarbija.

Billi kien hemm il-ksieħ ir-raġel beda jiġbor xi ftit injam milli kien hemm ġol-grotta biex iqabbad ħuġġieġa. Irnexxilu jqabbad ħuġġieġa ċkejkna imma wara ftit dik il-ħuġġieġa bdiet tintefa għax ma tantx kellu njam. Għalhekk ir-raġel, li kien jismu Ġużeppi, qal lill-mara tiegħu Marija li kien se joħroġ barra jfittex ftit injam. Wara ftit in-nar beda jintefa. It-tarbija kienet tidher li kienet se tibda tħoss il-ksieħ. Kien meħtieġ li xi ħadd joqgħod irewwaħ quddiem dik il-ħuġġieġa sabiex in-nar ikompli jaqbad, imma Marija ma setgħetx għax riedet iżżomm it-tarbija f'idejha.

L-għasfur kien qed jara dan kollu minn fejn kien u nduna li Marija kienet inkwetata ħafna għax il-ksieħ tal-għar żgur li ma kienx sewwa għal dik it-tarbija ċkejkna. Għalhekk l-għasfur ħareġ mill-moħba li kien fiha u mar ħdejn in-nar u bi ġwenħajh beda jrewwaħ biex iżomm il-ġamar  jaqbad u hekk jibqa' jagħti s-sħana.

L-għasfur dam ħafna sejjer hekk u tistgħu taħsbu kemm beda jgħejja. 'Kemm se jdum ma jiġi missier it-tarbija?!' beda jaħseb l-għasfur. Imma ma qatax qalbu. Minkejja l-għejja, minkejja li ġwenħajh bdew juġgħuh, l-għasfur ma waqafx.

Sa fl-aħħar Ġużeppi wasal u f'idejh kellu xi ftit injamiet li tefagħhom mill-ewwel fuq dik il-ħuġġieġa ċkejkna u l-fjamma kibret u l-għar baqa' sħun il-lejl kollu. 'Issa *l-baby* tagħna ma jħossx iktar ksieħ' qal Ġużeppi. 'Kollu bil-ħila ta' dan l-għasfur li kien baqa' ftit nar'

qalet Marija lil Ġużeppi. Tistgħu taħsbu kemm raqad għal qalbu dak il-*baby*, għax issa ma kienx baqa' ksieħ.

Marija tgħidx kemm ħadet pjaċir b'dak l-għasfur li tant għenhom ħalli jżommu l-għar sħun. Għalhekk sejħet lill-għasfur ħdejha biex jara lit-tarbija u xħin l-għasfur resaq, Marija mellsitlu sidru... *(tinkixef il-biċċa drapp ħamra)* u minn dak il-ħin sidru ma baqax kannella, imma ħa kulur aħmar sabiħ!

L-aħmar hu l-kulur tal-imħabba, dik l-imħabba kbira li dak l-għasfur wera liċ-ċkejken Ġesù. Minn dakinhar 'il quddiem lil dak l-għasfur bdew jgħidulu *petto rosso* – l-għasfur ta' sidru aħmar.

Wara ħafna snin xi ħadd sostna u qal li ra lil dak l-istess għasfur fuq l-għolja tal-Kalvarju jipprova jaqla' x-xewk minn ras Ġesù li kien mislub. Imma dik il-persuna li ratu fuq il-Kalvarju ma kinitx fi żgur jekk sider dak l-għasfur kienx diġà imċappas bl-aħmar... minn ħaġa waħda aħna ċerti, li xħin telaq minn fuq il-kalvarju sidru kien aħmar.

Tgħid dak l-għasfur li mar ħdejn Ġesù fuq is-salib kien l-istess wieħed li kien hemm ġol-grotta ta' Betlehem f'dak il-lejl tal-Milied? Min jaf! Forsi aħjar ma nistaqsux ħafna mistoqsijiet fejn jidħlu l-leġġendi. Ħaġa waħda hija importanti: il-messaġġ li jagħtuna l-leġġendi. U dil-leġġenda tgħallimna li l-imħabba t'Alla tħalla dejjem sinjal/marka. Fil-qalb, fil-ħajja tagħna.

-----------------------

## IL-VERU SANTA KLAWS

Ħa naraw lil min għandna magħna llum!

*Jidħol San Nikola...* Dan min hu, tfal?

Saċ: Ħa nistaqsu lilu. Int x'jismek?

S.N: Jisimni Nikola, jew kif jafuni ħafna minnkom: San Nikola ta' Bari.

Saċ: B'din id-daqna bajda li għandek tidher li għandek ftit taż-żmien mhux ħażin!

S.N: Jien twelidt ħafna u ħafna snin ilu – kważi tliet mitt sena wara Kristu, ġewwa belt fit-Turkija. Il-ġenituri tiegħi rabbewni nħobb lil Ġesù. Kienu nies sinjuri ħafna u meta mietu ħallewli ħafna ġid u ħafna flus. Jien iddeċidejt li nbigħ kollox u bdejt ngħin lill-foqra, lill-morda u lil kull min kien fil-bżonn.

Saċ: Int vera bniedem tajjeb Nikola.

S.N: Jien dan kollu għamiltu għax inħobb ħafna lil Ġesù, li tani kulma għandi bżonn, għax Ġesù żgur li qatt ma jinsina.

Saċ: Nikola, tista' tgħidli għaliex għandek il-mitra fuq rasek?

S.N: Għax meta kbir jien ġejt imlaħħaq Isqof, bħall-Isqof li għandkom hawn – l-Isqof Mario Grech. In-nies tal-Belt ta' Mira għamluni Isqof tagħhom sabiex nieħu ħsiebhom u ngħallimhom fuq Ġesù. Ma kienx żmien faċli għax meta sirt Isqof, l-imperatur ta' Ruma (dak li kien jaħkem fuq kulħadd) kien ried joqtol lill-Insara. Lili tefgħuni l-ħabs u sawwtuni imma ma qtajtx qalbi. Kif ħriġt mill-ħabs erġajt bdejt nagħmel dak li kont inħobb nagħmel: nitkellem fuq Ġesù u ngħallem lin-nies dwaru u ngħin lil kull min kien fil-bżonn.

Saċ: Nikola, darba smajt storja dwarek u qaluli li int kont tqassam ir-rigali. Veru? Għax jien inħobbhom ir-rigali, u naħseb li anke dawn it-tfal.

S.N: Iva vera. Darba minnhom kont smajt li kien hemm raġel fqir ħafna. Dan kellu tlitt ibniet. Tant kien fqir li ma kellux flus biex iżewweġ lil dawn it-tlitt ibniet. Issa f'dak iż-żmien, jekk tfajla ma kellhiex flus biex tiżżewweġ, kienet tispiċċa skjava.

Saċ: Imbagħad x'għamilt Nikol?

S.N: Darba bil-lejl mort inkiss inkiss ħdejn id-dar ta' dan ir-raġel fqir. U ersaqt lejn it-tieqa ta' fejn kienu jorqdu t-tfajliet tiegħu. B'xorti tajba t-tieqa kienet miftuħa. Fejn il-*fireplace* kellhom il-kalzetti mdendlin biex jinxfu. Jien qbadt tliet boroż mimlija flus u tfajthom f'kull waħda minn dawk il-kalzetti.

Saċ: Min jaf kemm ferħu?

S.N: Daż-żgur. L-għada filgħodu xħin sabu dawk il-boroż mimlijin flus fil-kalzetti tgħidx kemm qabżu bil-ferħ għax issa ma kinux se jispiċċaw skjavi imma kienu jistgħu jiżżewġu. Ma nafx kif in-nies saru jafu b'din l-istorja u lili bdew jarawni bħala dak l-Isqof ta' qalbu tajba li jqassam ir-rigali. L-istorja tiegħi waslet fl-Amerika wkoll grazzi għall-emigranti mill-Olanda li fuq quddiem tax-xini tagħhom kellhom statwa ta' San Nikola. Kienu jsejħulu *Sinter Klaas*. Fl-Amerika bdew isejħuli *Santa Klaws*. Il-ħmara li kelli biddluha fi slitta miġbuda miċ-ċriev. Il-mantell aħmar sar kowt aħmar bil-fur abjad u l-mitra nbidlet f'barnuża bil-ponta.

Saċ: U hekk minn San Nikola int sirt Father Christmas!

S.N: Hekk hu, minn San Nikola sirt Father Christmas! Tfal issa se jkolli nħallikom, għax il-Milied daqt magħna u tistgħu taħsbu kemm għandi x'nagħmel biex inqassam ir-rigali. Nawguralkom li f'dal-Milied tilqgħu l-isbaħ rigal: lil Ġesù Bambin.

-------------------------

# IL-ĦARUFA S-SEWDA (MIMA)

Darba waħda kien hemm ħarufa f'merħla nagħaġ li kienet differenti mill-ħrief l-oħra. Sħabha kienu bojod u sbieħ imma din il-ħarufa kienet sewda faħam. Tistgħu taħsbu kemm kienet tispikka meta kienet tkun ġol-merħla! Għalhekk meta kienet tkun man-nagħaġ u mal-ħrief l-oħra li kienu bojod dawn kienu joqogħdu jidħqu biha għax kienet differenti.

'Araw il-ħarufa s-sewda!' kienu joqogħdu jgħidu. 'Kemm hi differenti minna, dik mhix waħda minna'. Xħin kienet tgħaddi kienu jibdew jgħidu: 'Ma tafx int li n-nagħaġ kulurhom suppost ikun abjad u mhux iswed!' Kien hemm ukoll xi ħrief li kienu kattivi magħha u kienu saħansitra jgħidu li kienet ħarufa kerha.

Tistgħu taħsbu din il-povra ħarufa kif kienet tħossha. Qalbha kienet dejjem sewda għaliex il-ħbieb l-oħra ma kinux jirrispettawha. Minħabba f'hekk ħafna drabi kienet tkun waħedha. Ħadd ma kien irid jilgħab magħha minħabba raġuni waħda: għax kienet sewda! Għalhekk spiss kienet tkun waħedha.

Jum minnhom kienet qed tippassiġġa waħedha fuq xi għoljiet. Minn hemm fuq ħarset 'l isfel lejn il-wied u setgħet tara l-merħla tan-nagħaġ l-oħra. Kienu kollha flimkien, jirgħu. Il-ħrief bojod u sbieħ kienu qed jilagħbu ma' xulxin... u hi hemmhekk waħedha. Bdiet tibki b'qalbha maqsuma. Waqt li kienet tibki semgħet il-ħoss ta' qanpiena ċkejkna: il-qanpiena li jkollhom imdendla ma' għonqhom il-baqar u rat ġejja ħdejha baqra. Il-ħarufa ppruvat tixxotta għajnejha mid-dmugħ imma l-baqra ndunat li kienet qed tibki.

'Għaliex qegħda tibki?' staqsietha. 'Għax kulħadd jaqbad miegħi peress li jiena sewda u differenti mill-bqija tan-nagħaġ. M'għandix ħbieb u ħadd ma jrid jilgħab miegħi.' 'Tibża' xejn', qaltilha l-baqra, 'Anke jekk inti differenti mill-oħrajn, inti xorta speċjali! Jekk trid tista' tiġi miegħi u noqogħdu nilagħbu flimkien u nkunu ħbieb ta' xulxin'.

Tistgħu taħsbu kemm ħadet pjaċir il-ħarufa! Issa kienet sabet ħabiba li tħobbha kif inhi! Ftit wara bdiet nieżla x-xita għalhekk marru jistkennu ġo għar li kien hemm fil-qrib. Billi kien sar filgħaxija il-ħarufa u l-baqra beda jiġihom in-ngħas u raqdu.

Imma f'nofs ta' lejl il-ħarufa ħasset lill-baqra tħarrikha u b'vuċi mbeżża' qaltilha: 'Naħseb li hawn xi ħadd ġol-għar'. Fetħu għajnejhom beraħ u ġo nofs l-għar jaraw mara b'tarbija ċkejkna u magħhom kien hemm ir-raġel. Kemm kien ħelu l-*baby*! Imma mid-dehra ommu u missieru kellhom problema għax ma kellhomx *cot* fejn jista' jorqod sewwa t-tifel. Kien hemm maxtura mimlija tiben u Marija, omm it-tarbija, poġġiet lill-Bambin ġo fiha. Imma t-tiben kien iniggeż u l-Bambin kien jidher skomdu u beda jibki. Marija u Ġużeppi kienu jidhru nkwetati.

Tgħidx kemm iddispjaċihom lill-baqra u lill-ħarufa xħin raw lil *baby* jibki għax ma setax jorqod.

Lill-ħarufa ġietha idea: is-suf tagħha kien artab u żgur li ma kienx inniggeż bħalma jniggeż dak it-tiben. Għalhekk resqet lejn it-tarbija u mteddet fl-art ħdejh biex isservi ta' mħadda komda. Il-Madonna ressqet lill-Bambin maġenb il-ħarufa. Tistgħu taħsbu kemm ħassu komdu l-Bambin xħin il-Madonna poġġietu ħdejn il-ħarufa. Il-Bambin ma baqax jibki imma tbissem tbissima ħelwa lill-ħarufa għax kien komdu ħafna. U raqad mistrieħ.

'Qed tara kif inti speċjali' qalet il-baqra lill-ħarufa. 'Kulħadd huwa speċjali. Imma int waħda mill-aktar speċjali għax int servejt ta' mħadda komda għal Ġesù li twieled.'

------------------------

## IL-ĦMARA U L-BAQRA (MIMA)

Xħin Marija u Ġużeppi kienu se jitilqu minn Nazaret għal Betlehem kien hemm anġlu li ġabar lill-annimali kollha sabiex jagħżel wieħed minnhom li jkun jista' jgħin lil Marija, lil Ġużeppi u liċ-ċkejken Bambin xħin dan jitwieled...

Għalhekk beda jsejħilhom wieħed wieħed. Naturalment l-ewwel sejjaħ lill-iljun: '*Jiena r-Re għalhekk jien jixraqli nservi lir-Re tad-dinja li se jitwieled*', 'Roar': għajjat għajta kbira u kompla: '*Jien inħarbat u nkeċċi lil dawk kollha li jippruvaw jersqu lejn il-Bambin!'*
'*Int vjolenti ħafna u Ġesù ma jridx il-vjolenza imma l-imħabba*', qallu l-anġlu '*Jiddispjaċini, int m'intix addattat*'.

Dritt wara ġie l-volpi u ta' annimal makakk li kien qallu: '*Jien l-aħjar annimal. Għall-Messija jien lest li nisraq kull filgħodu l-itjeb għasel u l-aħjar ħalib biex il-Madonna tkun tista' titma' lit-tarbija. Kuljum nisraq minn xi razzett tiġieġa, ħalli Marija u Ġużeppi jkollhom x'jieklu!*'

*'Int tassew diżonest'* qallu l-anġlu. '*Barra minn hekk taf li mhux sewwa li tisraq. Is-seba' kmandament taf x'inhu: la tisraqx, u int se tmur tisraq! Le żgur m'intix dak l-annimal li jistħoqqlok tkun fil-grotta xħin Ġesù jitwieled!*'

Daħal b'mod imżattat il-pagun, rasu wieqfa, imnieħru mxammar u ma jħares lejn ħadd. '*Jien biss jistħoqqli mmur inservi lill-Messija. Kif nidħol f'dik il-grotta fqajra niftaħ denbi u dik il-grotta nibdilha f'palazz mill-isbaħ, li jixraq lill-Messija*'.

'*Int vanituż ħafna, imkabbar ħafna bik innifsek u taħseb wisq li int aħjar mill-oħrajn*' qallu l-anġlu.

Daħal iż-żiemel wieqaf, wieqaf, u lill-anġlu qallu: '*Jien annimal b'saħħti ħafna aktar minn dawn kollha, niġri ħafna u ħadd ma jlaħħaq miegħi. Fuq kollox jiena dak l-annimal li fuqu jirkbu l-aqwa slaten, għalhekk jien jistħoqqli nkun dak l-annimal li jġorr lill-Messija li se jitwieled'.*

Imma l-anġlu qallu: *'Is-sultan li se jitwieled huwa sultan differenti mill-oħrajn u ma jfittixx il-qawwa u s-saħħa imma ċ-ċokon u s-sempliċità. Ma naħsibx li int l-annimal addattat għal dan ir-re!'*

Għaddew ħafna annimali, kulħadd jiftaħar bih innifsu u l-anġlu ħabat jaqta' qalbu għax ma seta' jsib lil ħadd li jmur iservi lil Marija u Ġużeppi u Ġesù ladarba dan jitwieled. Fl-aħħar l-anġlu refa' ħarstu u lemaħ l-aħħar żewġ annimali: il-baqra u l-ħmara. Dawn b'rashom baxxuta resqu lejn l-anġlu xħin dan għajtilhom.

'*U intom? M'għandkom xejn x'toffru biex tiġu magħżula ħalli sservu lill-Messija ladarba jitwieled?*'

'*Ma tantx għandna affarijiet speċjali'* wieġeb il-ħmar waqt li baxxa widnejh kbar. '*Kulma għandna aħna huma l-paċenzja u l-umiltà.*' U l-baqra mingħajr ma ħarset 'il fuq qalet lill-anġlu: '*Ma dawn għandna denb li permezz tiegħu nkeċċu d-dubbien'.*

L-anġlu tbissem tbissima kbira u qal lill-baqra u lill-ħmara: '*Intom l-annimali li jixirqilkom tkunu fejn Ġesù meta jitwieled għax intom m'intomx imkabbrin bikom infuskom, imma intom umli!*'

Tfal, hekk nifhmu għaliex fil-għar, flimkien ma' Marija u Ġużeppi, kienu l-baqra u l-ħmara li kellhom ix-xorti jaraw lil Ġesù! Ma kinux suppervi imma umli.

----------------

## IT-TIFEL TAT-TAMBUR (DRUMMER BOY)

*Kif jispiċċa l-qari tal-Vanġelu jinstema l-ħoss ta' tamburlin qed jindaqq minn tfajjel. Dan jibda tiela' tul il-korsija u jasal sa ħdejn is-saċerdot.*

Saċ: Sorry, hawnhekk m'hawnx xi kunċert tal-banda llejla. Qegħdin nieħdu sehem fil-Quddiesa... bħalissa mhux il-ħin li noqogħdu ndoqqu.

D.B. Imma lili qaluli biex niġi hawn għan-Novena tal-Milied, għax bil-leġġenda tiegħi rrid nagħti tagħlima liż-żgħar u lill-kbar.

Saċ: Ehh. OK. Mela lilek bagħtu llum. X'jismek?

D.B: Jisimni Aaron, imma ħafna jsejħuli t-tfajjel tat-tanburlin, jew id-*drummer boy.*

Saċ: Għidilna ftit l-istorja tiegħek mela, jekk jogħġbok.

D.B: Jien għext ħafna u ħafna snin ilu. Ommi u missieri kellhom razzett kbir ħafna, kellna ħafna annimali u kont ngħix kuntent ħafna magħhom. Meta għalaqt tmien snin għall-*birthday* xtrawli rigal sabiħ.

Saċ: Xi xtrawlek? *(juri t-tanburlin)...* Żgur dak it-tanburlin!

D.B: Eżatt. Kemm kont ferħan bih u kont il-ħin kollu ndoqqu. Hu tamburlin speċjali għax idoqq tassew sabiħ. Kellna ħarufa ċkejkna li kienet tħobb tismagħni ndoqq u kienet tiġi ħdejja u toqgħod taqbeż u tiżfen waqt li jien ndoqq. Kelli ħajja sabiħa imma dan kollu ntemm ħesrem. Lejla waħda waqt li konna reqdin ġew xi ħallelin biex jisirqu l-annimali li kellna fir-razzet. Il-mamà u l-papà tiegħi qatluhom u jien irnexxili naħrab. Imma ma kontx waħdi għax il-ħarufa ċ-ċkejkna li kienet rieqda ħdejja rnexxilha taħrab miegħi.

Saċ: Jiddispjaċini ħafna għalik. Imbagħad x'għamilt?

D.B: Minn dakinhar 'il quddiem bdejt nobgħod lil kulħadd barra lill-ħarufa u t-tamburlin. Ma kont irrid nara lil ħadd ferħan u qalbi kienet imdejqa u sewda ħafna. F'qalbi ma kellix imħabba. Darba kont qiegħed mal-ħarufa... indoqq it-tanburlin u hi tilgħab. U rajt ġejjin tliet iġmla u fuqhom kien hemm tliet irġiel lebsin sabiħ ħafna u kellhom ħafna rigali. Naħseb taf min kienu hux?

Saċ: Iva, il-Maġi.

D.B: Dawn waqfu jkellmuni staqsewni fejn hu l-għar ta' Betlehem. Waqt li dan kont qed ngħidilhom fejn kien l-għar ta' Betlehem għadda suldat biż-żiemel u tajjar lill-ħarufa u weġġagħha sew, tant li kienet qed tmut. Jien bdejt ngħajjat u bdejt ngħid ħafna kliem ħażin lis-suldat, u nisħtu u ngħidlu li qatt ma kont ser naħfirlu. Xħin raw hekk dawk it-tliet Maġi qaluli: 'Ejja magħna għax aħna se mmorru fejn sultan speċjali li twieled, u forsi dan jista' jgħinek. Forsi jista' jfejjaqlek il-ħarufa'. Imma jien għidtilhom: '*Baby* zgħir x'jista' jagħmel?' Imma dawk l-irġiel qaluli: 'Int ejja!' U mort, u xħin dħalt f'dik il-grotta rajt lit-tarbija. Indunajt li quddiemi kien hemm tarbija speċjali. U ħassejt xi ħaġa tiġri f'qalbi. Ħassejt li qalbi ma baqgħetx kiesħa, ma baqgħetx irrabbjata, imma f'qalbi bdejt inħoss li għandi naħfer lil dawk in-nies li qatluli *l-mummy* u *d-daddy*. Ħassejt li għandi naħfer lil dak is-suldat li rifisli l-ħarufa. U bdejt nibki. Intfajt quddiemu bil-ħarufa f'idejja u f'kemm ili ngħidlek sar miraklu:

Saċ: X'miraklu sar?

D.B.: Il-ħarufa fieqet u bdiet taqbeż u timxi u tifraħ. Tistgħu taħsbu kif ħassejtni dak il-ħin. Ħassejt ferħ kbir għal żewġ raġunijiet: għax il-ħarufa għexet u fuq kollox għax kont kapaċi naħfer.

Saċ: U minn dak in-nhar ’il quddiem Aaron kien tifel ferħan ħafna u tistgħu taħsbu t-tambur kemm beda jdoqqu sabiħ. Mela għax ħafer, Aaron kien ferħan.

-------------------------------

Għad-disa’ jum m’hemmx mima jew intervista imma jkun hemm il-konklużjoni tas-saċerdot.

## ADORAZZJONI BBAŻATA FUQ IT-TEMA TAL-ĦNIENA

*Parroċċa Twelid tal-Verġni Marija tax-Xagħra*

1. **Innu**

2. **Intro** Fi ftit ġranet oħra Papa Franġisku se jiftaħ is-Sena tal-Ħniena. F'dan il-mument ta' talb flimkien se nirriflettu ftit fuq din il-ħniena ta' Alla għalina.

3. **Talba** Nitolbu. Mulej Ġesù, Int li bil-qawmien tiegħek ferraħt lill-ħbieb tiegħek, ibgħat il-ferħ tiegħek lil dawk li jinsabu waħedhom u sabbar lil min jinsab imnikket. Int li ħabbart il-ħelsien mill-jasar, nitolbuk tqawwi lil dawk li huma sfruttati u teħles lil dawk li huma vittmi tal-vjolenza u tal-profitt. Int li rbaħt fuq il-mewt u fuq l-infern, qawwi lil dawk li resqin lejn il-mewt tagħhom u agħti lil kulħadd it-tama tal-ħajja ta' dejjem. Int li irbaħt fuq il-qawwa ta' Satana, ejja u għin lil dawk li jinsabu fit-tiġrib u għin jerġgħu jqumu lil dawk li waqgħu fid-dnub. Int li ħfirt lil Tumas għal ftit fidi li kellu, aħfrilna jekk aħna nonqsu fil-fedeltà lejn il-kelma tiegħek. Int li erġajt ilqajt fost il-ħbieb tiegħek lil Pietru, dak li kien ċaħdek, tħalliniex waħedna fil-biki tad-dnub tagħna imma ħares lejn l-imħabba li għandna f'qalbna għalik. **Ammen.** *(mill-liturġija tal-monasteru ta' Bose)*

4. **Salm 136**

Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Li firex l-art fuq l-ilmijiet,

**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Li għamel id-dwal il-kbar,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

Hu darab l-Eġizzjani f'uliedhom il-kbar,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
U ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Ħariġhom b'id qawwija u bi driegħ merfugħ,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
U għadda lil Iżrael minn ġo nofshom,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu fil-Baħar tal-Qasab,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

Hu mexxa fid-deżert il-poplu tiegħu,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
U xejjen slaten qawwija,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Qered slaten kbar,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Qered lil Siħon, sultan tal-Amurrin,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
U 'l Għog, sultan ta' Basan,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

U l-art tagħhom qassamha b'wirt,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

B'wirt lil Iżrael, qaddej tiegħu,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Meta konna magħkusin ftakar fina,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
U ħelisna mill-għedewwa tagħna,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**
Lil kulħadd hu jagħti l-ikel,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet,
**għax għal dejjem il-ħniena tiegħu.**

## 5. **Vanġelu (*Mt 18,21-35*)**

Qari mill-Evanġelju skont San Mattew

Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?" "Ma ngħidlikx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù,"imma sa sebgħa u sebgħin darba. Għalhekk is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu.  Kif beda jagħmel dan, ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent. Billi ma kellux minn fejn iroddhomlu, is-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kull ma kellu, ħalli b'hekk jitħallas id-dejn. Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu, 'Sinjur, stabar ftit bija; kollox inroddlok.' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu. Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu. Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu, 'Stabar ftit bija u nroddlok.' Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kull ma kellu jagħtih. Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kull ma kien ġara. Imbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu, 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena, ma kienx imissek int

ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?' U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kull ma kellu jagħti. Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."

Il-Kelma tal-Mulej.

**It-Tifħir lilek Kristu.**

## 6. Riflessjoni Papa Franġisku

Mill-bolla *Misericordiae Vultus* tal-Papa Franġisku:

Ġesù jafferma li l-ħniena mhix biss l-għemil tal-Missier, imma ssir il-kriterju biex nistgħu nifhmu min huma l-ulied veri tiegħu. F'kelma waħda aħna msejħin ngħixu bil-ħniena għax, qabel xejn, kien magħna stess li ntweriet il-ħniena. Il-maħfra tal-ħtijiet issir l-espressjoni l-aktar evidenti tal-imħabba ħanina u, għalina l-Insara, hi kmand li ma nistgħux naħarbu minnu. Kemm drabi tidher ħaġa iebsa li naħfru! U safrattant il-maħfra hi l-għodda mqiegħda fl-idejn dgħajfa tagħna biex nistgħu niksbu s-serħan tal-qalb. Li nwarrbu l-korla, ir-rabja, il-vjolenza u l-vendetta hi kundizzjoni meħtieġa biex nistgħu ngħixu henjin. Mela ejjew nilqgħu l-eżortazzjoni tal-Appostlu: "Tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom" (Efes 4:26). U fuq kollox nisimgħu l-kelma ta' Ġesù li qegħdilna l-ħniena bħala ideal ta' ħajja u bħala kriterju ta' kredibbiltà għall-fidi tagħna: "Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena" (Mt 5:7) hi l-beatitudni li lejha għandna nitnebbħu b'impenn partikulari matul din is-Sena Mqaddsa.

Kif nistgħu ninnotaw, fl-Iskrittura Mqaddsa l-ħniena hi l-kelma-muftieħ biex nifhmu kif jaħdem Alla magħna l-bnedmin. Hu ma jillimitax ruħu għall-istqarrija ta' mħabbtu, imma din jagħmilha tidher u tintmess. L-imħabba, wara kollox, ma tista' qatt tkun kelma fl-arja. Mill-istess natura tagħha hi ħajja konkreta: intenzjonijiet, atteġġjamenti, imġibiet li jitlaħħmu fil-ħajja ta' kuljum. Il-ħniena ta' Alla hi r-responsabbiltà tiegħu għalina. Hu jħossu responsabbli, u għalhekk jixtieq il-ġid tagħna u jrid jarana ferħanin, mimlijin ferħ u sereni. Fuq l-istess frekwenza għandha torjenta ruħha l-imħabba ħanina tal-Insara. Kif iħobb il-Missier, hekk iħobbu l-ulied. Kif hu ħanin Hu, hekk aħna msejħin inkunu ħanina aħna, wieħed mal-ieħor.

Il-fus li jwieżen il-ħajja tal-Knisja hu l-ħniena. L-azzjoni pastorali kollha tagħha għandha tkun imgeżwra fil-ħniena li biha hi ddur fuq dawk li jemmnu; xejn mit-tħabbira u mix-xhieda tagħha quddiem id-dinja m'għandu jkun nieqes mill-ħniena. Il-kredibbiltà tal-Knisja tgħaddi mit-triq tal-imħabba ħanina u kollha kompassjoni. Il-Knisja "tgħix bix-xewqa bla temma li toffri ħniena". Forsi għal ħafna żmien insejna nuru liema hi t-triq tal-ħniena u ngħixu. It-tentazzjoni, minn naħa, li nistennew dejjem u biss ġustizzja, nessietna li din hi l-ewwel pass meħtieġ u indispensabbli. Imma l-Knisja għandha bżonn tmur lil hemm biex tilħaq destinazzjoni ogħla u iżjed sinifikattiva. Min-naħa l-oħra, hu ta' swied il-qalb li jkollna naraw kif l-esperjenza tal-maħfra fil-kultura tagħna qiegħda dejjem tonqos. Saħansitra l-istess kelma f'xi waqtiet donnha qed tgħib. Madankollu, mingħajr ix-xhieda tal-maħfra, tibqa' biss ħajja bla frott u sterili, qisna nkunu ngħixu f'deżert imwarrab. Għall-Knisja wasal mill-ġdid iż-żmien li xxandar kollha ferħ il-maħfra. Hu ż-żmien li nerġgħu lura għall-essenzjal biex nagħmlu tagħna d-dgħufijiet u d-diffikultajiet ta' ħutna. Il-maħfra għandha l-qawwa li tqajjimna lura għal ħajja ġdida u timliena bil-kuraġġ biex nistgħu nħarsu b'tama lejn il-ġejjieni.

## 7. <u>Silenzju</u>

## 8. <u>Riflessjoni Papa San Ġwanni Pawlu II</u>

<u>Mill-Enċiklika *Dives in Misericordia* tal-Papa San Ġwanni Pawlu II</u>

Bil-kliem u bl-għemil, il-Mulej wera l-ħniena tiegħu sa mill-bidu nett tal-ġrajja tal-poplu li għażel għalih, li matul ġrajjietu kollha dejjem ried jafda f'Alla ta' kull ħniena, kemm meta kienu jiġu fuqu d-diżgrazzji u kemm meta kien jintebaħ bid-dnub tiegħu. Is-suriet kollha tal-imħabba, fl-irqaqat kollha tagħhom, jidhru fil-ħniena li Alla kien juri ma' dawk li għażel għalih. Hu Missierhom għaliex Israel hu l-ewwel wieħed fost uliedu. Il-Mulej hu wkoll l-għarus ta' dik li l-profeta jsejħilha ruhama – il-maħbuba ta' ruħi u ta' qalbi, għaliex magħha se juri l-ħniena kollha tiegħu.

U wkoll meta Alla, minħabba n-nuqqas ta' fedeltà tal-poplu tiegħu, jaħseb biex jitilqu waħdu, b'dan kollu l-kobor bla qjies ta' mħabbtu għall-magħżulin tiegħu jasal dejjem biex jegħleb l-għadab għalihom. Malajr, għalhekk, wieħed jifhem għaliex il-kittieba tas-salmi, meta riedu

jgħannu bl-ogħla tifħir lill-Mulej, ilissnu innijiet lil Alla tal-imħabba, tal-ħlewwa, tal-ħniena u tal-fedeltà.

Minn dan naraw li l-ħniena ma għandhiex x'taqsam biss man-natura ta' Alla, iżda turi wkoll il-ħajja kollha kemm tal-poplu ta' Iżrael u kif ukoll ta' kull wieħed u waħda minnhom. Il-qofol tal-ħniena huwa l-mod kif huma midħla sewwa tal-Mulej tagħhom, jiġifieri l-mod kif jitkellmu miegħu.

## 9. **Salm + Kant**

*(Il-kant li jservi ta' ritornell jista' jkun wieħed adattat għal żmien l-Avvent.)*

- Dur lejja, Mulej, u eħlisni; salvani f'ġieħ il-ħniena tiegħek. *(Salm 6, 5).* **Kant.**
- Imma jien fil-ħniena tiegħek nitma, tifraħ qalbi għall-għajnuna tiegħek. Ngħanni lill-Mulej għall-ġid li għamilli. *(Salm 13,6).* **Kant.**
- Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti: inti tajjeb, Mulej; ftakar fija skont il-ħniena tiegħek. *(Salm 25,7).* **Kant.**
- Int, Mulej, la ċċaħħadnix mill-ħniena tiegħek; it-tjieba u l-fedeltà tiegħek iħarsuni għal dejjem! *(Salm 40,12).* **Kant.**
- Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti. *(Salm 51,3).* **Kant.**
- Tiftakrilniex il-ħtijiet tal-imgħoddi; fittex ejja u lqagħna bi ħnientek, għax ninsabu mifnija għall-aħħar. *(Salm 79,8).* **Kant.**
- It-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu, il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu. *(Salm 85,11).* **Kant.**
- Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer, kollok ħniena għal kull min isejjaħlek. *(Salm 86,5).* **Kant.**
- Għax kbira hi l-ħniena tiegħek miegħi, int ħlistni minn qiegħ l-imwiet. *(Salm 86,13).* **Kant.**
- Għax twajjeb il-Mulej, għal dejjem it-tjieba tiegħu; minn żmien għal żmien il-fedeltà tiegħu. *(Salm 100,5).* **Kant.**

## 10. **Talba**

Talba tal-Papa Franġisku għall-Ġublew tal-Ħniena

Mulej Ġesù Kristu, int li għallimtna nħennu bħalma ħanin hu Missierna tas-Sema, u għedtilna li min jara lilek jara lilu, urina wiċċek u nkunu salvi. Ħarstek mimlija mħabba ħelset lil Żakkew u ’l Mattew mill-jasar tal-flus, lill-adultera u l-Maddalena milli jqiegħdu l-ferħ tagħhom biss fi ħlejqa, bikkiet lil Pietru wara t-tradiment u wiegħdet il-Ġenna lill-ħalliel niedem. Agħmel li kull wieħed u waħda minna jisma’ tingħad lilu dik il-kelma li Int lissint lis-Samaritana: “Kieku kont taf id-don ta’ Alla!”

Int il-wiċċ li jidher tal-Missier li ma jidhirx, ta’ Alla li juri s-setgħa tiegħu fuq kollox bil-maħfra u l-ħniena, agħmel li l-Knisja tkun fid-dinja l-wiċċ tiegħek li jidher, int li int il-Mulej tagħha, rebbieħ fuq il-mewt u glorjuż. Int ridt li l-ministri tiegħek ikunu huma wkoll imlibbsa bid-dgħufija biex jistgħu jħossu għal dawk li qegħdin fl-injoranza u l-iżball, agħmel li kull min jersaq lejn wieħed minnhom iħossu milqugħ, maħbub u maħfur minn Alla.

Ibgħat l-Ispirtu tiegħek u ikkonsagrana lkoll bid-dilka tiegħu biex dan il-Ġublew tal-Ħniena jkun sena ta’ grazzja tal-Mulej u l-Knisja tiegħu, b’ħeġġa mġedda, tista’ twassal lill-foqra l-bxara t-tajba, tħabbar il-ħelsien lill-imjassrin u l-maħqurin, u d-dawl mill-ġdid lill-għomja. Dan nitolbuhulek bl-interċessjoni ta’ Marija, Omm il-Ħniena, Int li tgħix u ssaltan flimkien mal-Missier u mal-Ispirtu s-Santu għal dejjem ta’ dejjem. **Ammen.**

## 11. Barka Ewkaristika